II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1063/2010

**tat-18 ta' Novembru 2010**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u Nru 964/2007 [2] l-Unjoni Ewropea tagħti preferenzi kummerċjali lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-qafas tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tagħha ("is-SPĠ" jew "l-iskema"). Skont l-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament, ir-regoli tal-oriġini li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti, il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazjoni amministrattiva relatati miegħu, għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [3].

(2) Wara diskussjoni wiesgħa mibdija mill-Green Paper tagħha tat-18 ta' Diċembru 2003 fuq il-futur tar-regoli tal-oriġini fl-arranġamenti preferenzjali tal-kummerċ [4], fis-16 ta' Marzu 2005 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "Ir-regoli tal-oriġini fl-arranġamenti preferenzjali tal-kummerċ: Orjentazzjonijiet għall-futur" [5] ("il-Komunikazzjoni"). Dik il-Komunikazzjoni tistabbilixxi approċċ ġdid għar-regoli tal-oriġini fl-arranġamenti preferenzjali tal-kummerċ kollha li jinvolvu l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-arranġamenti orjentati lejn l-iżvilupp bħalma hija s-SPĠ.

(3) Fil-kuntest tal-Aġenda għall-Iżvilupp ta' Doha, ġiet irrikonoxxuta l-ħtieġa li tiġi żgurata integrazzjoni aħjar tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija, b'mod partikolari permezz ta' aċċess aħjar għas-swieq tal-pajjiżi żviluppati.

Għal dak il-għan, ir-regoli tal-oriġini preferenzjali għandhom ikunu ssimplifikati u, fejn hu adattat, isiru anqas stretti, sabiex il-prodotti oriġinanti fil-pajjiżi benefiċjarji jkunu jistgħu jibbenefikaw tabilħaqq mill-preferenzi mogħtija.

(4) Sabiex ikun żgurat li l-preferenzi attwalment jibbenefikaw lil dawk li jeħtiġuhom u biex jiġu protetti r-riżorsi tal-Unjoni Ewropea stess, il-bidliet fir-regoli tal-oriġini preferenzjali għandhom ikunu akkumpanjati minn adattament tal-proċeduri għall-ġestjoni tagħhom.

(5) Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni rigward dan ir-Regolament turi li r-regoli tal-oriġini tas-SPĠ huma pperċepiti bħala kumplessi wisq u restrittivi wisq. Turi wkoll li l-użu attwali tal-preferenzi mogħtija huwa baxx għal ċerti prodotti, u b'mod partikolari dawk il-prodotti li huma tal-akbar interess għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, u li r-regoli tal-oriġini huma raġuni waħda għal dan.

(6) Il-valutazzjoni tal-impatt indikat li s-simplifikazzjoni u l-ħeffa tal-iżvilupp jistgħu jinkisbu permezz ta' kriterju uniku applikabbli għall-prodotti kollha biex tkun iddeterminata l-oriġini tal-prodotti li mhumiex kompletament idderivati f'pajjiż benefiċjarju, abbażi tal-valur miżjud fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat u bir-rekwiżit ta' konformità ma' limitu suffiċjenti tal-ipproċessar. Madankollu, ma wrietx li metodu uniku huwa indispensabbli għas-simplifikazzjoni jew il-ħeffa tal-iżvilupp. Barra minn hekk, skont il-feedback mill-partijiet interessati hemm għadd ta' setturi li għalihom il-kriterju ta' valur miżjud jew mhuwiex adattat sewwa jew m'għandux ikun użat bħala kriterju uniku, bħalma huma l-prodotti agrikoli u l-prodotti agrikoli pproċessati, il-prodotti tas-sajd, il-kimiċi, il-metalli, it-tessuti u l-ħwejjeġ u ż-żraben.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
[3] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[4] COM(2003) 787.
[5] COM(2005) 100.

Minħabba f'hekk, kriterji sempliċi oħra, li jistgħu jinftehmu faċilment mill-operaturi u jkunu kkontrollati faċilment mill-amministrazzjonijiet għandhom jintużaw f'tali setturi, jew minflok il-kriterju tal-valur miżjud jew bħala alternattiv għalih. Dawn il-kriterji oħra jinkludu l-kontenut massimu permess ta' materjali mhux oriġinanti; bidla fl-intestatura jew subintestatura tat-tariffi; operazzjoni speċifika tax-xogħol u l-ipproċessar; u l-użu ta' materjali kompletament idderivati. Madankollu, is-sempliċità tirrikjedi li l-għadd ta' regoli differenti għandu jkun ftit kemm jista' jkun. Għaldaqstant, ir-regoli tal-oriġini għandhom, kemm jista' jkun possibbli, ikunu abbażi ta' settur b'settur minflok prodott bi prodott.

(7) Ir-regoli tal-oriġini għandhom jirriflettu l-elementi ta' setturi speċifiċi imma għandhom ukoll jippermettu lill-pajjiżi benefiċjarji l-possibbiltà reali ta' aċċess għat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti. Barra minn hekk, meta jkun adattat, ir-regoli għandhom jirriflettu l-kapaċitajiet industrijali differenti tal-pajjiżi benefiċjarji. Sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp industrijali tal-pajjiżi l-inqas żviluppati, meta r-regola hija bbażata fuq il-konformità mal-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti, il-livell applikabbli għal tali materjali għandu dejjem ikun għoli kemm jista' jkun waqt li jibqa' jiżgura li l-operazzjonijiet li jseħħu f'dawk il-pajjiżi huma ġenwini u ġġustifikati ekonomikament. Kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti sa 70 % jew kwalunkwe regola li tipprevedi livell ekwivalenti ta' rilassament għall-prodotti oriġinanti fil-pajjiżi l-inqas żviluppati għandha tirriżulta f'żieda fl-esportazzjoni minn għandhom.

(8) Sabiex ikun żgurat li x-xogħol jew l-ipproċessar li jseħħ f'pajjiż benefiċjarju huwa operazzjoni ġenwina u ġġustifikata ekonomikament li se tkun ta' benefiċċju ekonomiku reali għal dak il-pajjiż, huwa xieraq li tkun stabbilita lista ta' operazzjonijiet ta' xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti li ma jistgħu qatt jagħtu l-oriġini. Din il-lista tista' b'mod ġenerali tkun l-istess bħal dik li eżistiet sa issa. Madankollu, għandhom isiru ċertu adattamenti. Pereżempju, sabiex ikunu evitati d-devjazzjoni tal-kummerċ u d-distorsjoni tas-suq taz-zokkor, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet diġà adottati bħala parti mir-regoli tal-oriġini ta' arranġamenti preferenzjali oħra tal-kummerċ, għandha tkun stabbilita regola ġdida li tipprekludi t-taħlit taz-zokkor ma' xi materjal ieħor.

(9) Għandu jkun żgurat grad ta' flessibbiltà f'dawk is-setturi fejn ma japplikax il-kriterju ta' valur miżjud, bħalma jsir attwalment, billi jkun permess l-użu ta' proporzjon limitat ta' materjali li ma jissodisfawx ir-regoli. Madankollu, il-firxa ta' tali użu għandha tkun iċċarata fir-rigward ta' prodotti magħmula minn materjali kompletament idderivati. Barra minn hekk, sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà fl-għażla tas-sorsi tal-materjali l-proporzjon permess ta' dawk il-materjali għandu jiżdied, minbarra ċerti prodotti sensittivi, minn 10 % għal 15 % tal-prezz imħallas kif joħroġ mill-fabbrika tal-prodott finali. Fost dawk il-prodotti sensittivi hemm il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 2 u 4 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, minbarra l-prodotti tas-sajd ipproċessati tal-Kapitolu 16, li għalihom it-tolleranzi espressi f'piż jidher li huma aktar adattati u l-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata li għandhom jibqgħu suġġetti għal regoli ta' tolleranza speċifiċi abbażi jew tal-piż jew tal-valur skont il-każ u jvarjaw skont il-prodott.

(10) L-akkumulazzjoni tal-oriġini hija tħaffif importanti li bih il-pajjiżi li għandhom regoli tal-oriġini identiċi jistgħu jaħdmu flimkien bil-għan li jimmanifatturaw il-prodotti li huma eliġibbli għal trattament tariffarju preferenzjali. Il-kundizzjonijiet eżistenti għall-akkumulazzjoni reġjonali tal-oriġini, forma ta' akkumulazzjoni li attwalment topera fi ħdan tliet gruppi reġjonali ta' pajjiżi, jirriżultaw li huma kumplessi u stretti wisq. Għaldaqstant għandhom ikunu ssimplifikati u jsiru anqas stretti billi titneħħa l-kundizzjoni tal-valur eżistenti. Barra minn hekk, il-possibbiltajiet eżistenti għall-akkumulazzjoni bejn il-pajjiżi fl-istess grupp reġjonali għandhom jinżammu minkejja d-distinzjoni introdotta b'dan ir-Regolament fir-regoli tal-oriġini f'xi każijiet bejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati u pajjiżi benefiċjarji oħra. Tali akkumulazzjoni għandha tkun permessa biss sakemm kull meta jintbagħtu materjali lil pajjiż ieħor tal-grupp għall-fini ta' akkumulazzjoni reġjonali, kull pajjiż japplika r-regola tal-oriġini applikabbli għalih fir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Unjoni Ewropea. Madankollu, sabiex tkun evitata d-distorsjoni tal-kummerċ bejn pajjiżi li għandhom livelli differenti ta' preferenza tariffarja, għandha ssir dispożizzjoni biex ċerti prodotti sensittivi jkunu esklużi mill-akkumulazzjoni reġjonali.

(11) Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li kienet lesta li teżamina kwalunkwe talba biex tistabbilixxi gruppi ġodda, amalgamati jew aktar wiesgħa, sa fejn jeżistu kumplimentaritajiet ekonomiċi, jitqiesu d-differenzi fl-arranġamenti preferenzjali applikabbli għall-pajjiżi differenti u r-riskju rrelatat ta' evitar tat-tariffi u jkunu stabbiliti l-istrutturi u l-proċeduri meħtieġa għall-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġestjoni u l-kontroll tal-oriġini. F'konformità ma' dan, għandha ssir dispożizzjoni għall-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn pajjiżi fil-gruppi I u III ta' akkumulazzjoni reġjonali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa. Wara talba sottomessa minn Mercosur, għandu jinħoloq grupp ta' akkumulazzjoni reġjonali ġdid, li se jissejjaħ grupp IV, li jinkludi l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj. L-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msemmija għandha tkun kundizzjonali fuq it-twettiq tar-rekwiżiti meħtieġa.

(12) Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw aktar minn akkumulazzjoni ma' pajjiżi li huma pajjiżi msieħba fi ftehim ta' kummerċ ħieles ("FTA") konklużi mill-UE. Dan it-tip ġdid ta' akkumulazzjoni, l-hekk imsejħa akkumulazzjoni estiża, għandha tkun unidirezzjonali, jiġifieri għandha tippermetti biss l-użu ta' materjali f'pajjiżi benefiċjarji u għandha tingħata wara eżami bir-reqqa tal-applikazjoni li ssir mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Minħabba s-sensittività tagħhom, il-prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu esklużi minn dan it-tip ta' akkumulazzjoni.

(13) Mill-2001, il-pajjiżi benefiċjarji setgħu jakkumulaw l-oriġini bi prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata oriġinanti fin-Norveġja u l-Isvizzera. Din l-akkumulazzzjoni għandha titħalla tkompli u tkun estiża għat-Turkija, sakemm in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija japplikaw l-istess definizzjoni tal-kunċett tal-oriġini bħall-Unjoni Ewropea u jagħtu trattament reċiproku lill-prodotti li ġew importati f'pajjiżhom, magħmula b'materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea. Ftehim f'dan is-sens, inkluż l-impenn li se jipprovdu lill-Istati Membri u lil xulxin bl-appoġġ meħtieġ f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandu jkun konkluż permezz ta' skambju ta' ittri jew permezz ta' tip ta' ftehim xieraq ieħor, bejn il-partijiet.

(14) Madankollu, l-akkumulazzjoni reġjonali m'għandhiex tkopri ċerti materjali meta l-preferenza tariffarja disponibbli fl-Unjoni Ewropea ma tkunx l-istess għall-pajjiżi kollha involuti fl-akkumulazzjoni u l-materjali kkonċernati jkunu se jibbenefikaw, permezz ta' akkumulazzjoni, minn trattament tariffarju aktar favorevoli milli kieku ġew esportarti direttament lejn l-Unjoni Ewropea. Jekk tali sitwazzjonijiet ma jiġux indirizzati permezz ta' esklużjoni tal-materjali, dan jista' jwassal għall-evitar tat-tariffi jew distorsjoni fil-kummerċ billi jiġu esportati prodotti lejn l-Unjoni Ewropea biss minn pajjiżi li għalihom tapplika l-preferenza tariffarja l-aktar favorevoli.

(15) Lista ta' materjali esklużi mill-akkumulazzjoni reġjonali għandha tkun stabbilita f'anness separat. Dan l-anness jista' jkun emendat mhux biss meta jfeġġu sitwazzjonijiet ġodda, imma wkoll sabiex ikunu koperti każijiet fejn tali sitwazzjonijiet jistgħu jfeġġu minħabba l-implimentazzjoni tal-akkumulazzjoni bejn pajjiżi fil-gruppi I u III ta' akkumulazzjoni reġjonali.

L-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn pajjiżi fil-gruppi I u III ta' akkumulazzjoni reġjonali u l-akkumulazzjoni estiża għandhom ikunu suġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, li t- twettiq tagħhom għandu jiġi vverifikat mill-Kummissjoni qabel tikkunsidra li tagħti l- akkumulazzjoni, f'konformità mal-proċedura tal-Kumitat u abbażi ta' kunsiderazzjonijiet rilevanti. Fuq l-istess bażi, fejn ikun ingħata l-użu ta' tali akkumulazzjoni imma sussegwentement ikun stabbilit li l-applikazzjoni tal- akkumulazzjoni m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet jew twassal għal riżultati mhux iġġustifikati, bħal pereżempju meta tirriżulta fi xkiel għall-kummerċ jew evitar tat-tariffi, il-Kummissjoni għandha tibqa' tkun tista' tirtira l-għotja tal-użu ta' tali tipi ta' akkumulazzjoni fi kwalunkwe ħin.

(16) Fir-regoli tal-oriġini attwali xi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw bastimenti tas-sajd li jaqbdu ħut barra mill-ibħra territorjali huma kumplessi sal-punt li huma sproporzjonati għall-għan tagħhom u minħabba f'hekk huwa diffiċli kemm li timplimentahom kif ukoll li tikkontrollahom. Għaldaqstant għandhom ikunu ssimplifikati.

Ir-regoli attwali jirrikjedu evidenza ta' trasport dirett lejn l-Unjoni Ewropea li frekwentement diffiċli li tinkiseb. Minħabba dak ir-rekwiżit, xi prodotti li huma akkumpanjati minn prova valida tal-oriġini jistgħu attwalment jibbenefikaw minn preferenza. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi introdotta regola ġdida, aktar sempliċi u aktar flessibbli li tiffoka fuq il-mira li l-merkanzija ppreżentata liddwana fuq dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea tkun l-istess merkanzija li tkun telqet mill-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni u ma tkunx ġiet mibdula jew ittrasformata b'xi mod matul ir-rotta.

(17) Fil-preżent, l-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji jiċċertifikaw l-oriġini tal-prodotti u, meta l-oriġini ddikjarata tirriżulta li mhijiex korretta, l-importaturi frekwentement ma jkollhomx iħallsu dazju għaliex ikunu aġixxew *in bona fide* u l-iżball ikun sar mill-awtoritajiet kompetenti. Minħabba f'hekk, hemm telf fir-riżorsi tal-Unjoni Ewropea stess u finalment huwa ċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea li jġorr il-piż. Minħabba li l-importaturi huma fl-aħjar pożizzjoni li jkunu jafu l-oriġini tal-prodotti tagħhom, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-esportaturi jipprovdu l-istqarrijiet dwar l-oriġini direttament lill-klijenti tagħhom.

(18) L-esportaturi għandhom ikunu rreġistrati mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex jitħaffu l-kontrolli mmirati ta' wara l-esportazzjoni. Għal dan il-għan, kull pajjiż benefiċjarju għandu jistabbilixxi reġistru elettroniku ta' esportaturi rreġistrati, li l-kontenut tiegħu għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni mill-awtorità governattiva kompetenti ta' dak il-pajjiż benefiċjarju. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data ċentrali ta' esportaturi rreġistrati għall-benefiċċju tal-amministrazzjonijiet u l-operaturi tal-Unjoni Ewropea, li permezz tagħha l-operaturi għandhom ikunu jistgħu jikkontrollaw, qabel jiddikjaraw il-merkanzija għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, li l-fornitur tagħhom huwa esportatur irreġistrat fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Bl-istess mod, l-operaturi tal-Unjoni Ewropea li jagħmlu prodotti għall-esportazzjoni għall-fini ta' akkumulazzjoni bilaterali tal-oriġini għandhom ikunu rreġistrati mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

(19) Il-pubblikazzjoni tan-numri u d-data tar-reġistrazzjoni mhux kunfidenzjali tal-esportaturi għandha tgħin lil partijiet oħra biex jikkonsultaw dik id-data sabiex titħaffef it-trasparenza u tiżdied l-informazzjoni tal-partijiet interessati. Madankollu, minħabba l-konsegwenzi tal-pubblikazzjoni, din għandha sseħħ biss meta l-esportatur b'mod liberu jkun ta kunsens speċifiku u infurmat bil-miktub minn qabel għaliha.

(20) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] tirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Istati Membri. Il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE għandhom ikunu ċċarati jew issupplimentati fejn ikun meħtieġ f'dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(21) Ir-Regolament Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] tirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Kummissjoni. Il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandhom ikunu ċċarati jew issupplimentati fejn ikun meħtieġ f'dan ir-Regolament.

(22) Skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għandhom jissorveljaw il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri, waqt li, skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jissorvelja l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-Data u l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, waqt li jaġixxu fil-firxa tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkooperaw attivament u jiżguraw sorveljanza koordinata tal-ipproċessar imwettaq skont dan ir-Regolament.

(23) Jeħtieġ li l-introduzzjoni tas-sistema ta' esportaturi rreġistrati tqis il-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji li jwaqqfu u jiġġestixxu s-sistema ta' reġistrazzjoni kif ukoll il-kapaċità tal-Kummissjoni li twaqqaf il-bażi tad-data ċentrali meħtieġa. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għad trid tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-utenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema. Meta l-arkitettura ddettaljata tal-bażi tad-data ċentrali tkun stabbilita, l-implikazzjonijiet preċiżi tas-sistema ta' esportaturi rreġistrati, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-protezzjoni tad-data, se jkunu evalwati u l-aġġustamenti meħtieġa għad-dispożizzjonijiet rilevanti jkunu implimentati. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni tas-sistema għandha tkun iddifferita sal-1 ta' Jannar 2017 sabiex jingħata żmien għall-fażi tal-iżvilupp, ladarba jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-utenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jiġu implimentati l-aġġustamenti legali possibbli li jistgħu jinstabu li jkunu meħtieġa fid-dawl tar-rekwiżiti tal-utenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema u l-implikazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, perjodu addizzjonali ta' tliet snin għandu jkun previst għal pajjiżi li ma jistgħux jilħqu din l-iskadenza.

Sal-2017 u lil hinn minn din id-data għall-pajjiżi benefiċjarji li sa dakinhar ma jkunux f'qagħda li japplikaw is-sistema l-ġdida, għandhom ikunu stabbiliti regoli tranżitorji rigward il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, abbażi tad-dispożizzjonijiet li applikaw sa issa. B'mod partikolari, dawk id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jipprevedu l-ħruġ ta' prova tal-oriġini mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat. Barra minn hekk, ir-regoli eżistenti għandhom jiġu ssimplifikati billi l-istruttura tagħhom tkun allinjata mar-regoli li li għandhom jiġu applikati ladarba titħaddem is-sistema ta' esportaturi rreġistrati sabiex ikunu aktar ċari, b'mod partikolari billi ssir distinzjoni ċara bejn il-prinċipji ġenerali, il-proċeduri fl-esportazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju, il-proċeduri fir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Fl-istess waqt, iċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A għandu jiġi aġġornat, b'mod partikolari billi n-noti relatati mal-formola jkunu ssostitwiti bil-verżjoni tal-2007 ta' dawk in-noti, minħabba li dik il-verżjoni tqis l-aħħar tkabbir tal-UE u għaldaqstant fiha lista aġġornata tal-pajjiżi li jaċċettaw il-Formola A għall-finijiet tal-SPĠ.

(24) L-aċċess għall-iskema għandu jkun kundizzjonali fuq it-twaqqif u ż-żamma mill-pajjiżi benefiċjarji ta' strutturi amministrattivi li jħaffu l-ġestjoni effiċjenti tal-iskema, u li jimpenjaw lilhom infushom li jipprovdu l-appoġġ kollu meħtieġ fil-każ ta' talba mill-Kummissjoni għas-sorveljanza tal-ġestjoni kif jixraq tal-iskema. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun hemm sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi benefiċjarji li tipprovdi l-qafas għall-verifika tal-oriġini. Fl-istess waqt, ir-responsabbiltà tal-esportaturi fid-dikjarazzjoni tal-oriġini kif ukoll l-irwol tal-awtoritajiet amministrattivi fil-ġestjoni tas-sistema għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar. Il-kontenut tal-istqarrijiet dwar l-oriġini għandu jkun speċifikat, kif ukoll il-każijiet fejn l-awtoritajiet tad-dwana fl-Unjoni Ewropea jistgħu jirrifjutaw li jaċċettaw stqarrija jew jibagħtuha għall-verifika.

(25) Id-definizzjonijiet u l-lista ta' operazzjonijiet ta' xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fid-dispożizzjonijiet attwali huma komuni għas-SPĠ u l-miżuri tariffarji preferenzjali adottati unilateralment mill-Unjoni Ewropea għal ċerti pajjiżi jew territorji. Minħabba li r-regoli tal-oriġini ta' dawn l-arranġamenti tal-aħħar se jkunu rriformati biss fi stadju ulterjuri, id-dispożizzjonijiet eżistenti għandhom ikomplu japplikaw għalihom. Madankollu, fl-interess ta' koerenza mas-SPĠ u arranġamenti ta' kummerċ preferenzjali unilaterali oħra, huwa xieraq li d-definizzjoni ta' prodotti kompletament derivati u l-lista ta' operazzjonijiet ta' xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti stabbiliti f'dawk l-arranġamenti unilaterali oħra jkunu allinjati ma' dawk tar-regoli tal-oriġini tas-SPĠ.

(26) Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu jkun emendat kif jixraq.

(27) Permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 1613/2000 [2], 1614/2000 [3] u 1615/2000 [4], il-Komunità tat derogi mir-regoli tal-oriġini tas-SPĠ għal ċerti prodotti tat-tessuti li joriġinaw fil-Laos, il-Kambodja u n-Nepal, li jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2010. Ir-regoli tal-oriġini aktar sempliċi u aktar faċli għall-iżvilupp introdotti minn dan ir-Regolament se jagħmlu l-kontinwazzjoni ta' dawk id-derogi superfluwa.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[2] ĠU L 185, 25.7.2000, p. 38.
[3] ĠU L 185, 25.7.2000, p. 46.
[4] ĠU L 185, 25.7.2000, p. 54.

(28) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti I, Titolu IV, Kapitolu 2, l-Artikoli 66 sa 97 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Sezzjoni 1

**Sistema ġeneralizzata ta' preferenzi**

Subsezzjoni 1

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 66*

Din is-Sezzjoni tistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'prodotti oriġinanti', il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati miegħu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (SPĠ) mogħtija mill-Unjoni Ewropea bir-Regolament (KE) Nru 732/2008 (*) lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ('l-iskema').

(*) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

*Artikolu 67*

1. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni u s-Sezzjoni 1A ta' dan il-Kapitolu, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'pajjiż benefiċjarju' tfisser pajjiż jew territorju elenkat fir-Regolament (KE) Nru 732/2008; it-terminu 'pajjiż benefiċjarju' għandu jkopri wkoll u ma jistax jaqbeż il-limiti tal-baħar territorjali ta' dak il-pajjiż jew territorju skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (Konvenzjoni ta' Montego Bay, l-10 ta' Diċembru 1982);

(b) 'manifattura' tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż l-assemblaġġ;

(c) 'materjal' tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ. użat(a) fil-manifattura tal-prodott;

(d) 'prodott' tfisser il-prodott li jkun qed jiġi mmanifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi operazzjoni oħra ta' manifattura;

(e) 'merkanzija' tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

(f) 'akkumulazzjoni bilaterali' tfisser sistema li tippermetti prodotti li skont dan ir-Regolament joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, li jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju meta huma jkunu pproċessati aktar jew inkorporati fi prodott f'dak il-pajjiż benefiċjarju;

(g) 'akkumulazzjoni man-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija' tfisser sistema li tippermetti prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija li jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju meta huma jkunu pproċessati aktar jew inkorporati fi prodott f'dak il-pajjiż benefiċjarju u importati fl-Unjoni Ewropea;

(h) 'akkumulazzjoni reġjonali' tfisser sistema li biha prodotti li skont dan ir-Regolament joriġinaw f'pajjiż li huwa membru ta' grupp reġjonali jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż ieħor tal-istess grupp reġjonali (jew pajjiż ta' grupp reġjonali ieħor fejn l-akkumulazzjoni bejn il-gruppi hija possibbli) meta jkunu pproċessati aktar jew inkorporati fi prodott immanifatturat hemmhekk;

(i) 'akkumulazzjoni estiża' tfisser sistema, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' talba lill-Kummissjoni minn pajjiż benefiċjarju, li biha ċerti materjali, li joriġinaw f'pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha ftehim ta' kummerċ ħieles skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) fis-seħħ, jitqiesu bħala materjali oriġinanti fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat meta jkunu pproċessati aktar jew inkorporati fi prodott immanifatturat f'dak il-pajjiż;

(j) 'materjali funġibbli' tfisser materjali li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jingħarfu wieħed mill-ieħor meta jkunu inkorporati fil-prodott lest;

(k) 'grupp reġjonali' tfisser grupp ta' pajjiżi li bejniethom tapplika l-akkumulazzjoni reġjonali;

(l) 'valur doganali' tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-Implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);

(m) 'valur tal-materjali' fil-lista fl-Anness 13a tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinanti użati, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jkun jista' jiġi aċċertat imħallas għall-materjali fil-pajjiż benefiċjarju. Meta l-valur tal-materjali oriġinanti użati jeħtieġ li jkun stabbilit, dan il-punt għandu jkun applikat *mutatis mutandis*;

(n) 'prezz tal-fabbrika' tfisser il-prezz imħallas għall-prodott hekk kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika lill-manifattur li fl-impriża tiegħu jitwettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-ispejjeż l-oħra kollha relatati malproduzzjoni tiegħu, bit-tnaqqis ta' kull taxxa interna li hija, jew tista' tkun, rimborsata meta l-prodott miksub jiġi esportat.

Meta l-prezz attwali mħallas ma jirriflettix l-ispejjeż kollha relatati mal-manifattura tal-prodott li attwalment isiru fil-pajjiż benefiċjarju, il-prezz tal-fabbrika tfisser it-total ta' dawk l-ispejjeż kollha bit-tnaqqis ta' kwalunkwe taxxa interna li hija, jew tista' tkun, rimborsata meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(o) 'kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti' tfisser il-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti li huwa permess sabiex manifattura titqies bħala xogħol jew ipproċessar suffiċjenti biex jingħata l-istatus oriġinanti lill-prodott. Dan jista' jkun espress bħala perċentwal tal-prezz tal-fabbrika jew bħala perċentwal tal-piż nett ta' dawk il-materjali użati li jinsabu fi grupp speċifikat ta' kapitoli, kapitolu, intestatura jew subintestatura;

(p) 'piż nett' tfisser il-piż tal-merkanzija nfisha mingħajr materjali jew kontenituri ta' ppakkjar ta' kwalunkwe tip;

(q) 'kapitoli', 'intestaturi' u 'subintestaturi' ifissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi (kodiċijiet b'erba' jew sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata bil-bidliet skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2004 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali;

(r) 'ikklassifikat' tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;

(s) 'kunsinna' tfisser il-prodotti li huma jew:

— mibgħuta simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn destinatarju wieħed; jew

— huma koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' tali dokument, b'fattura waħda;

(t) 'esportatur' tfisser persuna li tesporta l-merkanzija lejn l-Unjoni Ewropea jew lejn pajjiż benefiċjarju li tista' tagħti prova tal-oriġini tal-merkanzija, kemm jekk hija kif ukoll jekk mhijiex il-manifattur u kemm jekk twettaq kif ukoll jekk ma twettaqx hija nfisha l-formalitajiet tal-esportazzjoni;

(u) 'esportatur irreġistrat' tfisser esportatur li huwa rreġistrat mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat għall-fini tal-mili tal-istqarrijiet dwar l-oriġini għall-fini tal-esportazzjoni taħt l-iskema;

(v) 'stqarrija tal-oriġini' tfisser stqarrija magħmula mill-esportatur li tindika li l-prodotti koperti minnha huma konformi mar-regoli tal-oriġini tal-iskema, għall-fini li tippermetti jew lill-persuna li tiddikjara l-merkanzija għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea biex titlob il-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali jew lill-operatur ekonomiku f'pajjiż benefiċjarju li jimporta l-materjali għal aktar ipproċessar fl-ambitu tar-regoli tal-akkumulazzjoni biex jagħti prova tal-istatus oriġinanti ta' tali prodotti.

2. Għall-fini tal-punt (n) tal-paragrafu 1, meta l-aħħar xogħol jew ipproċessar ikun ġie mogħti b'subappalt lil manifattur, it-terminu 'manifattur' imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-punt (n) tal-paragrafu 1 jista' jirreferi għall-impriża li tkun impjegat lis-subappaltatur.

*Artikolu 68*

1. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni kif jixraq tal-iskema, il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jimpenjaw lilhom infushom:

(a) li jwaqqfu u jżommu l-istrutturi u s-sistemi amministrattivi neċessarji, meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni f'dak il-pajjiż tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din is-Sezzjoni, inklużi fejn ikun jixraq l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni;

(b) li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkooperaw mal-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tikkonsisti fil-:

(a) provvediment tal-appoġġ kollu neċessarju fil-każ ta' talba mill-Kummissjoni għas-sorveljanza minnha tal-ġestjoni xierqa tal-iskema fil-pajjiż ikkonċernat, inklużi żjarat ta' verifika fuq il-post mill-Kummissjoni jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri;

(b) verifika, bla ħsara għall-Artikoli 97g u 97h, tal-istatus oriġinanti tal-prodotti u l-konformità mal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din is-Sezzjoni, inklużi żjarat fuq il-post, meta mitluba mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, fl-ambitu tal-investigazzjonijiet tal-oriġini.

3. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-impenn imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 69*

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet li hemm fit-territorju tagħhom li huma:

(a) parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat, jew li jaġixxu taħt l-awtorità tal-gvern, u għandhom is-setgħa li jirreġistraw l-esportaturi u li jirtirawhom mir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati;

(b) parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat u għandhom is-setgħa li jagħtu appoġġ lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva kif prevista f'din is-Sezzjoni.

2. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih rigward kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni nnotifikata taħt il-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data elettronika tal-esportaturi rreġistrati abbażi tal-informazzjoni fornuta mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiżi benefiċjarji u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni biss għandu jkollha aċċess għall-bażi tad-data u d-data li jkun hemm fiha. L-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiżguraw li d-data kkomunikata lill-Kummissjoni tinżamm aġġornata, u tkun kompleta u preċiża.

Id-data pproċessata fil-bażi tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tintwera lill-pubbliku permezz tal-Internet, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali li tinsab fil-kaxxi 2 u 3 tal-applikazzjoni biex issir esportatur irreġistrat imsemmija fl-Artikolu 92.

Data personali pproċessata fil-bażi tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu u mill-Istati Membri skont din is-Sezzjoni għandha tiġi ttrasferita jew ssir disponibbli għal pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali biss b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

4. Dan ir-Regolament m'għandu bl-ebda mod jaffettwa l-livell ta' protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u d-dritt nazzjonali u, b'mod partikolari m'għandu jbiddel la l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tagħhom ta' data personali taħt id-Direttiva 95/46/KE u lanqas l-obbligi tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-ipproċessar tagħhom ta' data personali taħt ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

Id-data tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-esportaturi, ikkostitwita mis-sett ta' data elenkata fil-punti 1, 3 (irrelatata mad-deskrizzjoni tal-attivitajiet), 4 u 5 tal-Anness 13c għandha tkun ippubblikata mill-Kummissjoni fuq l-Internet biss jekk l-esportaturi jkunu taw kunsens speċifiku u infurmat bil-miktub minn qabel għaliha.

L-esportaturi għandhom jingħataw l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Id-drittijiet ta' persuni fir-rigward tad-data tar-reġistrazzjoni tagħhom elenkata fl-Anness 13c u pproċessata fis-sistemi nazzjonali għandhom ikunu eżerċitati skont il-liġi tal-Istat Membru li ħażen id-data personali tagħhom li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE.

Id-drittijiet ta' persuni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-bażi tad-data ċentrali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, waqt li kull parti taġixxi fil-firxa tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkooperaw attivament u jiżguraw sorveljanza kkoordinata tal-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 70*

1. Il-Kummissjoni se tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C)* il-lista tal-pajjiżi benefiċjarji u d-data li fiha kienu meqjusa li ssodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 68 u 69. Il-Kummissjoni se taġġorna din il-lista meta pajjiż benefiċjarju ġdid jissodisfa l-istess kundizzjonijiet.

2. Prodotti oriġinanti skont it-tifsira ta' din is-Sezzjoni f'pajjiż benefiċjarju għandhom, mar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea, jibbenefikaw mill-iskema biss bil-kundizzjoni li kienu esportati fid-data, jew wara d-data, speċifikata fil-lista msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-pajjiż benefiċjarju għandu jitqies li hu konformi mal-Artikoli 68 u 69 fiddata meta jissottometti l-impenn imsemmi fl-Artikolu 68(1) u jkun għamel in-notifika msemmija fl-Artikolu 69(1).

*Artikolu 71*

In-nuqqas tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju li jkunu konformi mal-Artikoli 68(1), 69(2), 91, 92, 93 jew 97g jew nuqqas sistematiku li jkunu konformi mal-Artikolu 97h(2) jista', skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, jinvolvi l-irtirar temporanju tal-preferenzi taħt l-iskema għal dak il-pajjiż.

Subsezzjoni 2

**Definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti**

*Artikolu 72*

Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju:

(a) prodotti kompletament idderivati f'dak il-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 75;

(b) prodotti miksuba f'dak il-pajjiż li jinkorporaw materjali li ma kinux kompletament idderivati hemmhekk, sakemm tali materjali għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 76.

*Artikolu 73*

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-subsezzjoni għall-akkwist tal-istatus oriġinanti għandhom jitwettqu fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

2. Jekk prodotti oriġinanti esportati mill-pajjiż benefiċjarju lejn pajjiż ieħor ikunu rritornati, huma għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinanti sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li:

(a) il-prodotti rritornati huma l-istess bħal dawk li kienu esportati, u

(b) m'għaddewx minn xi operazzjoni lil hinn minn dik neċessarja biex ikunu ppriservati f'kundizzjoni tajba waqt li kienu f'dak il-pajjiż jew waqt li kienu qed jiġu esportati.

*Artikolu 74*

1. Il-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu l-istess prodotti kif esportati mill-pajjiż benefiċjarju fejn jitqiesu li oriġinaw. M'għandhomx ikunu ġew mibdula, ittrasformati b'xi mod jew suġġetti għal operazzjonijiet għajr operazzjonijiet biex ikunu ppriservati f'kundizzjoni tajba, qabel ikunu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa. Il-ħażna ta' prodotti jew kunsinni u l-qsim ta' kunsinni jistgħu jseħħu meta jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur jew ta' detentur sussegwenti tal-merkanzija u l-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza tad-dwana fil-pajjiż(i) ta' tranżitu.

2. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mal-paragrafu 1 sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollhomx raġuni biex jemmnu mod ieħor; f'tali każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant biex jipprovdi evidenza tal-konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti kontrattwali tat-trasport bħal poloz ta' karigu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew l-innumerar tal-pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodotti nfushom.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-akkumulazzjoni tapplika taħt l-Artikoli 84, 85 jew 86.

*Artikolu 75*

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala kompletament idderivati f'pajjiż benefiċjarju:

(a) prodotti minerali estratti mill-art jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

(b) pjanti u prodotti veġitali mkabbra jew maħsuda hemm;

(c) annimali ħajjin li twieldu u trabbew hemm;

(d) prodotti miksuba minn annimali ħajjin imrobbija hemm;

(e) prodotti miksuba minn annimali maqtula li twieldu u trabbew hemm;

(f) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd imwettqa hemm;

(g) prodotti tal-akwakultura fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski jitwieldu u jikbru hemm;

(h) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali mill-bastimenti tiegħu;

(i) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbriki tiegħu esklużivament mill-prodotti msemmija fil-punt (h);

(j) oġġetti użati miġbura hemm u li jkunu tajbin biss għall-irkupru tal-materja prima;

(k) skart u rimi li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-manifattura mwettqa hemm;

(l) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jinstabu 'l barra mill-baħar territorjali imma fejn għandu drittijiet esklużivi ta' esplojtazzjoni;

(m) merkanzija prodotta hemm esklużivament minn prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (l).

2. It-termini 'il-bastimenti tiegħu' u 'il-bastimenti fabbriki tiegħu' fil-paragrafu 1(h) u (i) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u bastimenti fabbriki li jissodisfaw kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:

(a) ikunu rreġistrati fil-pajjiż benefiċjarju jew fi Stat Membru,

(b) ibaħħru taħt il-bandiera tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' Stat Membru,

(c) jissodisfaw wieħed mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu mill-anqas 50 % proprjetà ta' ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' Stat Membru jew

(ii) ikunu proprjetà ta' kumpaniji:

— li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju fil-pajjiż benefiċjarju jew fl-Istati Membri, u

— jkunu mill-anqas 50 % proprjetà tal-pajjiż benefiċjarju, jew ta' entitajiet tal-Istati Membri jew entitajiet pubbliċi, jew ta' ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju jew tal-Istati Membri.

3. Il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 jistgħu jitwettqu individwalment fl-Istati Membri jew f'pajjiżi benefiċjarji differenti sakemm il-pajjiżi benefiċjarji kollha jibbenefikaw mill-akkumulazzjoni reġjonali f'konformità mal-Artikolu 86(1) u (5). F'dan il-każ, il-prodotti għandhom jitqiesu li għandhom l-oriġini tal-pajjiż benefiċjarju li taħt il-bandiera tiegħu jbaħħar il-bastiment jew il-bastiment fabbrika f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 2.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss sakemm id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(2)(b) u (c) ikunu twettqu.

*Artikolu 76*

1. Bla ħsara għall-Artikoli 78 u 79, il-prodotti li mhumiex kompletament idderivati fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat skont it-tifsira tal-Artikolu 75 għandhom jitqiesu li oriġinaw hemmhekk, la darba jkunu twettqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness 13a għall-merkanzija kkonċernata.

2. Jekk prodott li akkwista l-istatus oriġinanti f'pajjiż f'konformità mal-paragrafu 1 ikun ipproċessat aktar f'dak il-pajjiż u użat bħala materjal fil-manifattura ta' prodott ieħor, ma jittieħidx kont tal-materjali mhux oriġinanti li jistgħu jkunu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

*Artikolu 77*

1. Id-determinazzjoni ta' jekk humiex sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 76(1), għandha titwettaq għal kull prodott.

Madankollu, meta r-regola rilevanti hija bbażata fuq il-konformità mal-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti, sabiex jittieħed kont tal-varjazzjonijiet fl-ispejjeż u r-rati tal-kambju, il-valur tal-materjali mhux oriġinanti jista' jkun ikkalkulat abbażi ta' medja kif stipulat fil-paragrafu 2.

2. Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom ikunu kkalkulati l-prezz tal-fabbrika medju mħallas għall-prodott u l-valur medju tal-materjali mhux oriġinanti użati rispettivament, abbażi tat-total tal-prezzijiet tal-fabbrika mitluba għall-bejgħ kollu tal-prodotti li sar matul is-sena fiskali preċedenti u t-total tal-valur tal-materjali mhux oriġinanti użati fil-manifattura tal-prodotti matul is-sena fiskali preċedenti kif iddefinita fil-pajjiż tal-esportazzjoni, jew, fejn iċ-ċifri għal sena fiskali shiħa mhumiex disponibbli, perjodu iqsar li m'għandux ikun inqas minn tliet xhur.

3. L-esportaturi li għażlu kalkoli fuq bażi medja għandhom konsistentement japplikaw tali metodu matul is-sena li ssegwi s-sena fiskali ta' referenza, jew fejn ikun adattat, matul is-sena li ssegwi l-perjodu iqsar użat bħala referenza. Huma jistgħu jieqfu japplikaw tali metodu meta matul sena fiskali partikolari, jew perjodu rappreżentattiv iqsar ta' mhux inqas minn tliet xhur, huma jirreġistraw li waqfu l-varjazzjonijiet fl-ispejjeż jew fir-rati tal-kambju li ġġustifikaw l-użu ta' tali metodu.

4. Il-medji msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jintużaw bħala l-prezz tal-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinanti rispettivament, għall-fini li tkun stabbilita konformità mal-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti.

*Artikolu 78*

1. Bla ħsara għall-paragrafu 3, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jagħti l-istatus ta' prodotti oriġinanti, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 76 huma sodisfatti kif ukoll jekk mhumiex:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni biex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul il-ġarr u l-ħżin;

(b) tifrid u assemblaġġ ta' pakketti;

(c) il-ħasil, it-tindif; it-tneħħija tat-trab, l-ossidi, iż-żejt, iż-żebgħa jew kisi ieħor;

(d) il-mogħdija jew il-pressa tat-tessuti u oġġetti tessili;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' tiżbigħ u llustrar;

(f) ħruġ mill-fosdqa u tħin parzjali jew totali tar-ross; illustrar u gglejżjar ta'ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew ikunu ffurmati kubi taz-zokkor; tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallin;

(h) tqaxxir u tneħħija tal-għadam, tal-frott, lewż u ħaxix;

(i) tisnin, immular sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) tgħarbil, skrinjar, issortjar, ikklassifikar, iggradar, tqabbil (inkluża l-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, kaxxetti, kaxex, immuntar fuq kards jew bords u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha tal-ippakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u marki distintivi simili fuq il-prodotti jew il-pakketti tagħhom;

(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ikunu tal-istess tip u kemm jekk ma jkunux; taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;

(n) tiżjid sempliċi ta' ilma jew dilwizzjoni jew deidrazzjoni jew denaturazzjoni tal-prodotti;

(o) assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti biex ikun ikkostitwit oġġett komplet jew żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(p) kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet speċifikati fil-punti (a) sa (o);

(q) il-qtil ta' annimali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu sempliċi meta ma jkunux meħtieġa ħiliet speċjali jew magni, tagħmir jew għodda maħduma jew installati b'mod speċjali għat-twettiq ta' dawk l-operazzjonijiet.

3. L-operazzjonijiet kollha mwettqa fil-pajjiż benefiċjarju fuq prodott partikolari għandhom jitqiesu meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk xogħol jew ipproċessar imwettaq fuq dak il-prodott għandux jitqies bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 79*

1. B'deroga mill-Artikolu 76 u suġġetti għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, materjali mhux oriġinanti li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness 13a m'għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott partikolari, jistgħu madankollu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom jew il-piż nett evalwat għall-prodott ma jaqbiżx:

(a) 15 % tal-piż tal-prodott għall-prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 2 u 4 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, għajr il-prodotti tas-sajd ipproċessati tal-Kapitolu 16;

(b) 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott għal prodotti oħra, għajr għall-prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom għandhom japplikaw it-tolleranzi msemmija fin-Noti 6 u 7 tal-Parti I tal-Anness 13a.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jippermetti li jinqabżu l-perċentwali għall-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti kif speċifikat fir-regoli stabbiliti fil-lista fl-Anness 13a.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-prodotti kompletament idderivati f'pajjiż benefiċjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 75. Madankollu, bla ħsara għall-Artikolu 78 u 80(2), it-tolleranza prevista f'dawk il-paragrafi għandha madankollu tapplika għat-total tal-materjali kollha li jintużaw fil-manifattura ta' prodott u li għalihom ir-regola stabbilita fil-lista fl-Anness 13a għal dak il-prodott tirrikjedi li tali materjali jkunu kompletament idderivati.

*Artikolu 80*

1. L-unità ta' kwalifikazzjoni għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika meta tkun iddeterminata l-klassifikazzjoni permezz tas-Sistema Armonizzata.

2. Meta kunsinna tikkonsisti f'għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull oġġett individwali għandu jitqies meta jkunu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni.

3. Meta, taħt ir-Regola Ġenerali Interpretattiva 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar huwa inkluż mal-prodott għall-finijiet tal-klassifikazzjoni, dan għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoini tal-oriġini.

*Artikolu 81*

L-aċċessorji, il-partijiet użati għat-tiswija u l-għodda mibgħuta mat-tagħmir, magna, apparat jew vettura li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tal-fabbrika tiegħu, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

*Artikolu 82*

Settijiet, kif iddefiniti fir-Regola Generali Interpretattiva 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinanti meta l-prodotti komponenti kollha huma prodotti oriġinanti.

Madankollu, meta sett huwa kompost minn prodotti oriġinanti u mhux-oriġinanti, is-sett kollu kemm hu għandu jitqies bħala oriġinanti, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinanti ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz tal-fabbrika tas-sett.

*Artikolu 83*

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott huwiex prodott oriġinanti, m'għandux jittieħed kont tal-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjant u t-tagħmir;

(c) il-magni u l-għodda;

(d) kwalunkwe merkanzija oħra li ma tidħolx, u mhijiex intiża li tidħol, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Subsezzjoni 3

**Akkumulazzjoni**

*Artikolu 84*

Akkumulazzjoni bilaterali għandha tgħin biex prodotti oriġinanti fl-Unjoni Ewropea jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju meta jkunu inkorporati fi prodott immanifatturat f'dak il-pajjiż, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq hemm imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1).

*Artikolu 85*

1. Sa fejn in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija jagħtu preferenzi tariffarji ġeneralizzati lil prodotti oriġinanti fil-pajjiżi benefiċjarji u japplikaw definizzjoni tal-kunċett tal-oriġini li tikkorrispondi għal dik stipulata f'din is-Sezzjoni, l-akkumulazzjoni man-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija għandha tippermetti prodotti oriġinanti fin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija biex jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq hemm imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1).

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika bil-kundizzjoni li t-Turkija, in-Norveġja u l-Isvizzera jagħtu, b'reċiproċità, l-istess trattament lill-prodotti oriġinanti f'pajjiżi benefiċjarji li jinkorporaw materjali oriġinanti fl-Unjoni Ewropea.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata.

4. Il-Kummissjoni se tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C)* id-data li fiha jitwettqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 86*

1. Akkumulazzjoni reġjonali għandha tapplika għall-erba' gruppi reġjonali separati li ġejjin:

(a) Grupp I: Brunej, il-Kambodja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Malasja, il-Filippini, is-Singapor, it-Tajlandja, il-Vjetnam;

(b) Grupp II: il-Bolivja, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Peru, il-Venezwela;

(c) Grupp III: il-Bangladexx, il-Butan, l-Indja, il-Maldive, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka;

(d) Grupp IV: l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj.

2. L-akkumulazzjoni reġjonali bejn pajjiżi fl-istess grupp għandha tapplika biss meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għall-finijiet ta' akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi ta' grupp reġjonali, japplikaw ir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'din is-Sezzjoni.

Meta l-operazzjoni kwalifikanti stabbilita fil-Parti II tal-Anness 13a mhijiex l-istess għall-pajjiżi kollha involuti fl-akkumulazzjoni, l-oriġini tal-prodotti esportati minn pajjiż għal pajjiż ieħor tal-grupp reġjonali għall-fini tal-akkumulazzjoni reġjonali għandha tkun iddeterminata abbażi tar-regola li tapplika kieku l-prodotti kienu qed jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea;

(b) il-pajjiżi tal-grupp reġjonali jimpenjaw lilhom infushom:

(i) li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità ma' din is-Sezzjoni, u

(ii) li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Sezzjoni kemm fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kif ukoll bejniethom;

(c) l-impenji msemmija fil-punt (b) ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni mis-Segretarjat tal-grupp reġjonali kkonċernat jew minn korp konġunt kompetenti ieħor li jirrappreżenta lill-membri kollha tal-grupp inkwistjoni.

Meta pajjiżi fi grupp reġjonali, qabel l-1 ta' Jannar 2011 ikunu diġà konformi mal-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, ma jkunx meħtieġ impenn ġdid.

3. Il-materjali elenkati fl-Anness 13b għandhom ikunu esklużi mill-akkumulazzjoni reġjonali prevista fil-paragrafu 2 fil-każ meta:

(a) il-preferenza tariffarja applikabbli fl-Unjoni Ewropea mhijiex l-istess għall-pajjiżi kollha involuti fl-akkumulazzjoni; u

(b) il-materjali kkonċernati jibbenefikaw, permezz ta' akkumulazzjoni, minn trattament tariffarju aktar favorevoli minn dak li kieku jibbenefikaw minnu jekk jiġu esportati direttament lejn l-Unjoni Ewropea.

4. Akkumulazzjoni reġjonali bejn pajjiżi fl-istess grupp reġjonali għandha tapplika biss bil-kundizzjoni li x-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq fil-pajjiż benefiċjarju fejn il-materjali jiġu pproċessati aktar jew inkorporati, imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1) u, fil-każ tal-prodotti tessili, anki lil hinn mill-operazzjonijiet stipulati fl-Anness 16.

Meta l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma titwettaqx, il-prodotti għandhom ikollhom bħala pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tal-grupp reġjonali li għandu l-ogħla sehem tal-valur doganali tal-materjali użati li joriġinaw f'pajjiżi oħra tal-grupp reġjonali.

Meta l-pajjiż tal-oriġini huwa ddeterminat skont it-tieni subparagrafu, dak il-pajjiż għandu jkun iddikjarat bħala pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini magħmula mill-esportatur tal-prodott lejn l-Unjoni Ewropea, jew, sal-applikazzjoni tas-sistema tal-esportatur irreġistrat, maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni.

5. Fuq talba tal-awtoritajiet ta' pajjiż benefiċjarju tal-Grupp I jew Grupp III, l-akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi ta' dawk il-gruppi tista' tingħata mill-Kummissjoni, sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ġiet sodisfatta:

(a) il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) huma sodisfatti, u

(b) il-pajjiżi li se jkunu involuti f'tali akkumulazzjoni reġjonali impenjaw lilhom infushom, u konġuntament innotifikaw lill-Kummissjoni rigward l-impenn tagħhom:

(i) li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità ma' din is-Sezzjoni, u

(ii) li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Sezzjoni fir-rigward tal-Unjoni Ewropea u bejniethom.

It-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun appoġġjata b'evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak is-subparagrafu huma sodisfatti. Hija għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar it-talba fid-dawl tal-elementi kollha marbutin mal-akkumulazzjoni meqjusa rilevanti, inklużi l-materjali li għandhom ikunu akkumulati.

6. Meta prodotti mmanufatturati f'pajjiż benefiċjarju tal-Grupp I jew Grupp III bl-użu ta' materjali oriġinanti f'pajjiż imsieħeb fil-grupp l-ieħor se jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea, l-oriġini ta' dawk il-prodotti għandha tkun iddeterminata kif ġej:

(a) materjali oriġinanti f'pajjiż ta' grupp reġjonali għandhom jitqiesu bħala materjali oriġinanti f'pajjiż tal-grupp reġjonali l-ieħor meta jkunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq fil-pajjiż benefiċjarju tal-aħħar imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1) u, fil-każ tal-prodotti tessili, anki lil hinn mill-operazzjonijiet stipulati fl-Anness 16;

(b) meta l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) ma titwettaqx, il-prodotti għandhom ikollhom bħala l-pajjiż tal-oriġini lill-pajjiż li jipparteċipa fl-akkumulazzjoni li għandu l-ogħla sehem tal-valur doganali tal-materjali użati li joriġinaw f'pajjiżi oħra li qegħdin jipparteċipaw fl-akkumulazzjoni.

Meta l-pajjiż tal-oriġini huwa ddeterminat skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, dak il-pajjiż għandu jkun iddikjarat bħala pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini magħmula mill-esportatur tal-prodott lejn l-Unjoni Ewropea, jew, sal-applikazzjoni tas-sistema tal-esportatur irreġistrat, maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni.

7. Fuq talba ta' kwalunkwe awtorità tal-pajjiż benefiċjarju, akkumulazzjoni estiża bejn pajjiż benefiċjarju u pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha ftehim ta' kummerċ ħieles skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) fis-seħħ, tista' tingħata mill-Kummissjoni, sakemm kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(a) il-pajjiżi involuti fl-akkumulazzjoni jkunu impenjaw lilhom infushom li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità ma' din is-Sezzjoni u li jagħtu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Sezzjoni kemm fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kif ukoll bejniethom;

(b) l-impenn msemmi fil-punt (a) jkun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

It-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fiha lista tal-materjali kkonċernati mill-akkumulazzjoni u għandha tkun appoġġjata b'evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu huma sodisfatti. Hija għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Meta l-materjali kkonċernati jinbidlu, għandha tkun issottomessa talba oħra.

Il-materjali li jinsabu fil-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu eskluži mill-akkumulazzjoni estiża.

8. Fil-każijiet ta' akkumulazzjoni estiża msemmija fil-paragrafu 7, l-oriġini tal-materjali użati u l-prova dokumentarja tal-oriġini applikabbli għandhom ikunu ddeterminati f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-ftehim ta' kummerċ ħieles rilevanti. L-oriġini tal-prodotti li se jkunu esportati lejn l-Unjoni Ewropea għandha tkun iddeterminata f'konformità mar-regoli tal-oriġini stabbiliti f'din is-Sezzjoni.

Sabiex il-prodott miksub jikseb status oriġinanti, m'għandux ikun meħtieġ li l-materjali oriġinanti f'pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha ftehim ta'kummerċ ħieles u użati f'pajjiż benefiċjarju fil-manifattura tal-prodott li se jkun esportat lejn l-Unjoni Ewropea, ikunu ġarrbu xogħol jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1).

9. Il-Kummissjoni se tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C)* dan li ġej:

(a) id-data li fiha tidħol fis-seħħ l-akkumulazzjoni bejn pajjiżi tal-Grupp I u l-Grupp III prevista fil-paragrafu 5, il-pajjiżi involuti f'dik l-akkumulazzjoni u, fejn hu xieraq, il-lista tal-materjali li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni;

(b) id-data li fiha tidħol fis-seħħ l-akkumulazzjoni estiża, il-pajjiżi involuti f'dik l-akkumulazzjoni u l-lista tal-materjali li l-akkumulazzjoni tapplika fir-rigward tagħhom.

*Artikolu 87*

Meta akkumulazzjoni bilaterali jew akkumulazzjoni man-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija tintuża f'kombinazzjoni ma' akkumulazzjoni reġjonali, il-prodott miksub għandu jikseb l-oriġini ta' wieħed mill-pajjiżi tal-grupp reġjonali kkonċernat, iddeterminat skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 86(4).

*Artikolu 88*

1. Is-Subsezzjonijiet 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal:

(a) l-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali;

(b) l-esportazzjoni minn pajjiż benefiċjarju għal ieħor għall-finijiet ta'akkumulazzjoni reġjonali kif previst fl-Artikolu 86(1) u (5), bla ħsara għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 86(2)(a).

2. Jekk materjali funġibbli oriġinanti u mhux oriġinanti jintużaw fix-xogħol u l-ipproċessar ta' prodott, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu, fuq talba bil-miktub tal-operaturi ekonomiċi, jawtorizzaw il-ġestjoni ta' materjali fl-Unjoni Ewropea bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà għall-fini ta' esportazzjoni sussegwenti għal pajjiż benefiċjarju fil-qafas ta' akkumulazzjoni bilaterali, mingħajr il-ħtieġa li l-materjali jinżammu f'ħażniet separati.

3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 suġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu adattata.

L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk bl-użu tal-metodu msemmi fil-paragrafu 2 jista' jkun żgurat li, fi kwalukwe ħin, in-numru ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala 'oriġinanti fl-Unjoni Ewropea' huwa l-istess bħan-numru li kien jinkiseb bl-użu ta' metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

Jekk ikun awtorizzat, il-metodu għandu jkun applikat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irreġistrata abbażi tal-prinċipji tal-kontabbiltà ġenerali applikabbli fl-Unjoni Ewropea.

4. Il-benefiċjarju tal-metodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jħejji jew, sal-applikazzjoni tas-sistema tal-esportatur irreġistrat, japplika għall-provi tal-oriġini għall-kwantità tal-prodotti li jistgħu jitqiesu bħala oriġinanti fl-Unjoni Ewropea. Fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif kienu ġestiti l-kwantitajiet.

5. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-użu li jsir mill-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Huma jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-benefiċjarju jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzaz-
zjoni bi kwalunkwe mod li jkun, jew

(b) il-benefiċjarju jonqos milli jwettaq il-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din is-Sezzjoni jew fis-Sezzjoni 1A.

Subsezzjoni 4

**Derogi**

*Artikolu 89*

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew bi tweġiba għal talba minn pajjiż benefiċjarju, pajjiż benefiċjarju jista' jingħata deroga temporanja mid-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni meta:

(a) fatturi interni jew esterni temporanjament iċaħħduh mill-kapaċità li jikkonforma mar-regoli għall-ksib tal-oriġini previsti fl-Artikolu 72 meta qabel seta' jagħmel dan, jew

(b) jirrikjedi aktar żmien biex iħejji lilu nnifsu sabiex jikkonforma mar-regoli għall-ksib tal-oriġini previsti fl-Artikolu 72.

2. Id-deroga temporanja għandha tkun limitata għal sakemm idumu l-effetti tal-fatturi interni jew esterni li joħolquha jew it-tul taż-żmien meħtieġ biex il-pajjiż benefiċjarju jikseb konformità mar-regoli.

3. Talba għal deroga għandha ssir bil-miktub lill-Kummissjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet, kif indikat fil-paragrafu 1, għaliex deroga hija meħtieġa u għandha jkollha dokumenti ta' appoġġ adattati.

4. Meta tingħata deroga, il-pajjiż benefiċjarju kkonċernat għandu jikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit stabbilit dwar l-informazzjoni li trid tingħata lill-Kummissjoni rigward l-użu tad-deroga u l-ġestjoni tal-kwantitajiet li għalihom tingħata d-deroga.

Subsezzjoni 5

**Proċeduri fl-esportazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju**

*Artikolu 90*

L-iskema għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-każijiet ta' merkanzija li tissodisfa r-rekwiżiti ta' din is-Sezzjoni esportata minn esportatur irreġistrat skont it-tifsira tal-Artikolu 92;

(b) fil-każijiet ta' kwalunkwe kunsinna ta' pakkett jew aktar li fihom prodotti oriġinanti esportati minn kwalunkwe esportatur, meta l-valur totali tal-prodotti li joriġinaw li ġew ikkunsinnati ma jaqbiżx is-EUR 6 000.

*Artikolu 91*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju għandhom jistabbilixxu reġistru elettroniku, u jżommuh aġġornat kontinwament, tal-esportaturi rreġistrati llokalizzati f'dak il-pajjiż. Ir-reġistru għandu jkun aġġornat minnufih meta esportatur ikun irtirat mir-reġistru f'konformità mal-Artikolu 93(2).

2. Ir-reġistru għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz sħiħ tal-post fejn huwa stabbilit/residenti l-Esportatur Irreġistrat, inkluż l-identifikatur tal-pajjiż jew territorju (kodiċi tal-pajjiż ISO alpha 2);

(b) in-numru tal-Esportatur Irreġistrat;

(c) il-prodotti li huma intiżi li jkunu esportati taħt l-iskema (lista indikattiva tal-kapitoli jew intestaturi tas-Sistema Armonizzata kif jitqies li huwa adattat mill-applikant);

(d) id-dati ta' minn meta u sa meta l-esportatur huwa/kien irreġistrat;

(e) ir-raġuni għall-irtirar (talba tal-esportatur irreġistrat / irtirar mill-awtoritajiet kompetenti). Din id-data għandha tkun disponibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar is-sistema ta' nnumerar nazzjonali użata għall-ħatra ta' esportaturi rreġistrati. In-numru għandu jibda bil-kodiċi tal-pajjiż ISO alpha 2.

*Artikolu 92*

Biex ikunu rreġistrati, l-esportaturi għandhom jagħmlu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju msemmi fl-Artikolu 69(1)(a), billi jużaw il-formola li mudell tagħha huwa stabbilit fl-Anness 13c. Bit-tlestija tal-formola, l-esportaturi jagħtu l-kunsens għall-ħażna tal-informazzjoni pprovduta fil-bażi tad-data tal-Kummissjoni u għall-pubblikazzjoni tad-data mhux kunfidenzjali fuq l-Internet.

L-applikazzjoni għandha tkun aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti biss jekk tkun kompleta.

*Artikolu 93*

1. Esportaturi rreġistrati li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-merkanzija taħt l-iskema, jew li m'għadx għandhom l-intenzjoni li jesportaw tali merkanzija, għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi benefiċjarji li għandhom ineħħuhom minnufih mir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati miżmum f'dak il-pajjiż benefiċjarju.

2. Bla ħsara għas-sistema ta' penali u sanzjonijiet applikabbli fil-pajjiż benefiċjarju, meta esportaturi rreġistrati intenzjonalment jew b'negliġenza jfasslu, jew iqabbdu lil min ifassal, stqarrija dwar l-oriġini jew kwalunkwe dokument ta' appoġġ li fih informazzjoni żbaljata li twassal għall-ksib irregolari jew bi frodi tal-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju għandhom jirtiraw lill-esportatur mir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati miżmum mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

3. Bla ħsara għall-impatt potenzjali tal-irregolaritajiet misjuba waqt verifiki li huma pendenti, l-irtirar mir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati għandu jidħol fis-seħħ għall-ġejjieni, jiġifieri fir-rigward ta' stqarrijiet li jsiru wara d-data tal-irtirar.

4. Esportaturi li tneħħew mir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-esportaturi rreġistrati biss meta jkunu taw prova lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż benefiċjarju li huma rrimedjaw is-sitwazzjoni li wasslet għall-irtirar tagħhom.

*Artikolu 94*

1. L-esportaturi, irreġistrati u mhumiex, għandhom jikkonformaw mal-obbligi li ġejjin:

(a) għandhom iżommu reġistri ta' kontabbiltà kummerċjali adattati għall-produzzjoni u l-forniment ta' merkanzija li tikkwalifika għal trattament preferenzjali;

(b) għandhom iżommu disponibbli l-evidenza kollha relatata mal-materjal użat fil-manifattura;

(c) għandhom iżommu d-dokumentazzjoni doganali kollha relatata mal-materjal użat fil-manifattura;

(d) għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin minn tmiem is-sena li fiha tkun saret l-istqarrija dwar l-oriġini, jew aktar jekk ikun meħtieġ mid-dritt nazzjonali, reġistri dwar:

(i) l-istqarrijiet dwar l-oriġini li għamlu; u

(ii) il-kontijiet tal-materjali oriġinanti u mhux oriġinanti, tal-produzzjoni u tal-istokks tagħhom.

Ir-reġistri msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu elettroniċi imma għandhom jippermettu li l-materjali użati fil-manifattura tal-prodotti esportati jistgħu jkunu rrintraċċati u li l-istatus oriġinanti tagħhom ikun ikkonfermat.

2. L-obbligi previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għall-forniturі li jipprovdu dikjarazzjonijiet tal-forniturі lill-esportaturi li jiċċertifikaw l-istatus oriġinanti tal-merkanzija li huma jfornu.

*Artikolu 95*

1. Stqarrija dwar l-oriġini għandha ssir mill-esportatur meta l-prodotti li għalihom tirrelata jkunu esportati, jekk il-merkanzija kkonċernata tista' titqies bħala oriġinanti fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat jew pajjiż benefiċjarju ieħor skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 86(4) jew il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(6).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, stqarrija dwar l-oriġini tista' b'mod eċċezzjonali ssir wara l-esportazzjoni ('stqarrija retrospettiva') bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fl-Istat Membru tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa mhux aktar tard minn sentejn wara l-esportazzjoni.

3. L-istqarrija dwar l-oriġini għandha tkun ipprovduta mill-esportatur lill-klijent tiegħu fl-Unjoni Ewropea u għandu jkun fiha l-partikolaritajiet speċifikati fl-Anness 13d. Stqarrija dwar l-oriġini għandha ssir jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

Tista' ssir fuq kwalunkwe dokument kummerċjali li jippermetti li jkun identifikat l-esportatur ikkonċernat u l-merkanzija involuta.

4. Meta tapplika akkumulazzjoni taħt l-Artikoli 84, 86(1), jew 86(5) u (6), l-esportatur ta' prodott li fil-manifattura tiegħu jintużaw materjali oriġinanti f'parti li magħha hija permessa l-akkumulazzjoni għandu jserraħ fuq l-istqarrija dwar l-oriġini pprovduta mill-fornitur tiegħu. F'dawn il-każijiet, l-istqarrija dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur għandha, skont il-każ, ikun fiha l-indikazzjoni 'akkumulazzjoni tal-UE', 'akkumulazzjoni reġjonali' jew 'Cumul UE', 'cumul régional'.

5. Meta tapplika akkumulazzjoni taħt l-Artikoli 85, l-esportatur ta' prodott li fil-manifattura tiegħu jintużaw materjali oriġinanti f'parti li magħha hija permessa l-akkumulazzjoni għandu jserraħ fuq il-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tiegħu u maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli tal-oriġini tas-SPĠ tan-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija, skont kif ikun il-każ. F'dan il-każ, l-istqarrija dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur għandu jkun fiha l-indikazzjoni 'akkumulazzjoni tan-Norveġja', 'akkumulazzjoni tal-Isvizzera', 'akkumulazzjoni tat-Turkija' jew 'Cumul Norvège', 'Cumul Suisse', 'Cumul Turquie'.

6. Meta tapplika akkumulazzjoni estiża taħt l-Artikolu 86(7) u (8) , l-esportatur ta' prodott li fil-manifattura tiegħu jintużaw materjali oriġinanti f'parti li magħha hija permessa l-akkumulazzjoni estiża, għandu jserraħ fuq il-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tiegħu u maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles rilevanti bejn l-Unjoni Ewropea u l-parti kkonċernata.

F'dan il-każ, l-istqarrija dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur għandu jkun fiha l-indikazzjoni 'akkumulazzjoni estiża ma' pajjiż x' jew 'cumul étendu avec le pays x'.

*Artikolu 96*

1. Stqarrija dwar l-oriġini għandha ssir għal kull kunsinna.

2. Stqarrija dwar l-oriġini għandha tkun valida għal tnax-il xahar mid-data ta' meta ssir l-istqarrija mill-esportatur.

3. Stqarrija dwar l-oriġini waħdanija tista' tkopri diversi kunsinni jekk il-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti huma żarmati jew mhux immuntati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali Interpretattiva 2(a) tas-Sistema Armonizzata,

(b) huma jinsabu fis-Sezzjoni XVI jew XVII jew l-intestatura 7308 jew 9406 tas-Sistema Armonizzata, u

(c) huma intiżi li jkunu importati f'kunsinni diversi.

Subsezzjoni 6

**Proċeduri fir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-unjoni ewropea**

*Artikolu 97*

1. Id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa għandha tagħmel referenza għall-istqarrija dwar l-oriġini. L-istqarrija dwar l-oriġini għandha tinżamm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali, li jistgħu jitolbu s-sottomissjoni tagħha għall-verifika tad-dikjarazzjoni. Dawk l-awtoritajiet jistgħu jirrikjedu wkoll traduzzjoni tal-istqarrija fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Meta l-applikazzjoni tal-iskema hija mitluba mid-dikjarant, mingħajr ma jkollu fil-pussess tiegħu l-istqarrija dwar l-oriġini meta ssir l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, dik id-dikjarazzjoni għandha titqies bħala mhux kompleta skont it-tifsira tal-Artikolu 253(1) u ttratata kif jixraq.

3. Qabel jiddikjara l-merkanzija għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, id-dikjarant għandu jieħu ħsieb kif jixraq li l-merkanzija tikkonforma mar-regoli ta' din is-Sezzjoni billi, b'mod partikolari, jivverifika li:

(i) fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 69(3) l-esportatur huwa rreġistrat biex jagħmel stqarrijiet dwar l-oriġini, għajr meta l-valur totali tal-prodotti oriġinanti kkunsinnati ma jaqbiżx is-EUR 6 000, u

(ii) li l-istqarrija dwar l-oriġini ssir f'konformità mal-Anness 13d.

*Artikolu 97a*

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jagħmlu u jipproduċu stqarrija dwar l-oriġini:

(a) prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 500;

(b) prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġatur, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 1 200.

2. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) mhumiex importati bħala kummerċ;

(b) kienu ddikjarati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibbenefikaw mill-iskema;

(c) m'hemmx dubju rigward il-veraċità tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (b).

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, l-importazzjoni m'għandhiex titqies li hija importazzjoni bħala kummerċ jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-importazzjoni hija okkażjonali;

(b) l-importazzjoni tikkonsisti biss fi prodotti għall-użu personali tad-destinatarji jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom;

(c) ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li m'hemmx fini kummerċjali għalihom.

*Artikolu 97b*

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn il-partikolaritajiet inklużi fi stqarrija dwar l-oriġini u dawk imsemmija fid-dokumenti sottomessi lill-awtoritajiet doganali għall-fini tat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandhiex *ipso facto* tirrendi l-istqarrija dwar l-oriġini nulla u bla effett jekk huwa stabbilit kif jixraq li dak id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti kkonċernati.

2. Żbalji formali ovvji bħal żbalji tat-tajping fi stqarrija dwar l-oriġini m'għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jitwarrab jekk dawn l-iżbalji mhumiex tali li joħolqu dubji rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dak id-dokument.

3. Stqarrijiet dwar l-oriġini li huma sottomessi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni wara l-perjodu tal-validità msemmija fl-Artikolu 96 jistgħu jkunu aċċettati għall-fini ta' applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji, meta n-nuqqas li jkunu sottomessi dawn id-dokumenti sad-data finali ffissata kien dovut għal ċirkustanzi eċċezzjonali. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw l-istqarrijiet dwar l-oriġini meta l-prodotti kienu ppreżentati lid-dwana qabel id-data finali msemmija.

*Artikolu 97c*

1. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 96(3) għandha tapplika għal perjodu ddeterminat mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-importazzjoni li jissorveljaw ir-rilaxxi suċċessivi għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa għandhom jivverifikaw li l-kunsinni suċċessivi huma parti mill-prodotti żarmati jew mhux immuntati li għalihom kienet saret l-istqarrija dwar l-oriġini.

*Artikolu 97d*

1. Meta prodotti jkunu għadhom mhumiex irrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, stqarrija dwar l-oriġini tista' tkun issostitwita bi stqarrija dwar l-oriġini ta'sostituzzjoni waħda jew aktar, magħmula mid-detentur tal-merkanzija, għall-fini li l-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu x'imkien ieħor fit-territorju doganali tal-Komunità jew, fejn japplika, fin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija. Biex ikunu intitolati li jagħmlu stqarrijiet dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni, m'hemmx ħtieġa li d-detenturi tal-merkanzija nfushom ikunu esportaturi rreġistrati.

2. Meta stqarrija dwar l-oriġini tiġi ssostitwita, l-istqarrija dwar l-oriġini oriġinali għandha tindika dawn li ġejjin:

(a) il-partikolaritajiet tad-dikjarazzjoni(jiet) dwar l-oriġini;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-kunsinnatur;

(c) il-kunsinnatarju(i) fl-Unjoni Ewropea.

L-istqarrija dwar l-oriġini oriġinali għandha tkun immarkata 'Replaced' jew 'Remplacée', skont il-każ.

3. Fl-istqarrija dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni għandhom ikunu indikati dawn li ġejjin:

(a) il-partikolaritajiet kollha tal-prodotti kkunsinnati mill-ġdid;

(b) id-data meta saret l-istqarrija dwar l-oriġini oriġinali;

(c) kull ma jeħtieġ li jissemma kif speċifikat taħt l-Anness 13d;

(d) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur tal-prodotti fl-Unjoni Ewropea;

(e) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju tal-prodotti fl-Unjoni Ewropea, in-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija;

(f) id-data u l-post tas-sostituzzjoni.

Il-persuna li tagħmel l-istqarrija dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni tista' tehmeż kopja tal-istqarrija dwar l-oriġini inizjali mal-istqarrija dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-istqarrijiet li jissostitwixxu stqarrijiet dwar l-oriġini li huma nfushom huma stqarrijiet dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-istqarrijiet ta' sostituzzjoni magħmula minn kunsinnaturi tal-prodotti fin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija.

5. Fil-każ ta' prodotti li jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji taħt deroga mogħtija f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 89 *is-sostituzzjoni prevista* f'dan l-Artikolu għandu japplika biss meta tali prodotti huma intiżi għall-Unjoni Ewropea. Meta l-prodott ikkonċernat ikun kiseb l-istatus oriġinanti permezz ta' akkumulazzjoni reġjonali, stqarrija dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni tista' ssir biss biex jintbagħtu l-prodotti lejn in-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija meta dawn il-pajjiżi japplikaw l-istess regoli tal-akkumulazzjoni reġjonali bħall-Unjoni Ewropea.

6. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-istqarrijiet li jissostitwixxu stqarrijiet dwar l-oriġini wara l-qsim ta' kunsinna mwettqa skont l-Artikolu 74.

*Artikolu 97e*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu, meta jkollhom dubji fir-rigward tal-istatus oriġinanti tal-prodotti, jitolbu lid-dikjarant li jipproduċi, f'perjodu ta' żmien raġonevoli li huma għandhom jispeċifikaw, kwalunkwe evidenza disponibbli għall-fini tal-verifika tal-eżattezza tal-indikazzjoni dwar l-oriġini tad-dikjarazzjoni jew tal-konformità mal-kundizzjonijiet taħt l-Artikolu 74.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu l-applikazzjoni tal-miżura tariffarja preferenzjali għall-perjodu tal-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Artikolu 97h meta:

(a) l-informazzjoni pprovduta mid-dikjarant mhijiex biżżejjed biex tikkonferma l-istatus oriġinanti tal-prodotti jew tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 73 jew l-Artikolu 74,

(b) id-dikjarant ma jweġibx fil-perjodu taż-żmien permess għall-provvista tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Fl-istennija għall-informazzjoni mitluba mid-dikjarant, imsemmija fil-paragrafu 1, jew għar-riżultati tal-proċedura ta' verifika, imsemmija fil-paragrafu 2, l-importatur għandu jkollu l-għażla li jirrilaxxa l-prodotti, soġġetta għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li titqies neċessarja.

*Artikolu 97f*

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni għandhom jirrifjutaw l-intitolament għall-iskema, minħajr ma jkollhom l-obbligu li jitolbu evidenza addizzjonali jew jibgħatu talba għal verifika lill-pajjiż benefiċjarju meta:

(a) il-merkanzija mhijiex l-istess bħal dik imsemmija fl-istqarrija dwar l-oriġini;

(b) id-dikjarant jonqos milli jissottometti stqarrija dwar l-oriġini għall-prodotti kkonċernati, meta tali stqarrija tkun meħtieġa;

(c) bla ħsara għall-punt (b) tal-Artikolu 90 u għall-Artikolu 97d(1), id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini fil-pussess tad-dikjarant, ma tkunx saret minn esportatur irreġistrat fil-pajjiż benefiċjarju;

(d) l-istqarrija dwar l-oriġini ma ssirx f'konformità mal-Anness 13d;

(e) il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 74 mhumiex sodisfatti.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni għandhom jirrifjutaw l-intitolament għall-iskema, wara talba għal verifika skont it-tifsira tal-Artikolu 97h indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju, meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni:

(a) ikunu rċevew tweġiba li tistqarr li l-esportatur ma kienx intitolat li jagħmel stqarrija dwar l-oriġini;

(b) ikunu rċevew tweġiba li tistqarr li l-prodotti kkonċernati mhumiex oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju jew il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 73 ma kinux sodisfatti;

(c) kellhom dubji raġonevoli rigward il-validità tal-istqarrija tal-oriġini jew l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta mid-dikjarant rigward l-oriġini vera tal-prodotti msemmija meta huma għamlu t-talba għal verifika, u

(i) ma rċevew l-ebda tweġiba fil-perjodu ta' żmien permess skont l-Artikolu 97h, jew

(ii) irċevew tweġiba li ma tipprovdix tweġibiet adegwati għall-mistoqsijiet imressqa fit-talba.

Subsezzjoni 7

**Kontroll tal-oriġini**

*Artikolu 97g*

1. Għall-fini li tkun żgurata l-konformità mar-regoli li jikkonċernaw l-istatus oriġinanti tal-prodotti, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju għandhom iwettqu:

(a) verifiki dwar l-istatus oriġinanti tal-prodotti meta jintalbu mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri,

(b) kontrolli regolari fuq l-esportaturi fuq inizjattiva tagħhom stess.

Sa fejn in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija kkonkludew ftehim mal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li huma se jipprovdu lil xulxin l-appoġġ meħtieġ f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva, l-ewwel subparagrafu għandu japplika *mutatis mutandis* għal talbiet mibgħuta lill-awtoritajiet tan-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija għall-verifika tal-istqarrijiet dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni magħmula fit-territorju tagħhom, bil-għan li jitolbu lil dawn l-awtoritajiet biex jikkomunikaw aktar mal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż benefiċjarju.

Akkumulazzjoni estiża għandha tkun permessa biss taħt l-Artikolu 86(7) u (8), jekk pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha ftehim ta' kummerċ ħieles fis-seħħ jaqbel li jipprovdi lill-pajjiż benefiċjarju l-appoġġ tiegħu f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva bl-istess mod li jipprovdi tali appoġġ lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim ta' kummerċ ħieles ikkonċernat.

2. Il-kontrolli msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiżguraw il-konformità kontinwa tal-esportaturi mal-obbliġi tagħhom. Huma għandhom jitwettqu f'intervalli ddeterminati abbażi ta' kriterji adattati ta' analiżi tar-riskju. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jirrikjedu lill-esportaturi li jipprovdu kopji jew lista tal-istqarrijiet dwar l-oriġini li huma għamlu.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur u, meta jkun xieraq, dawk tal-produtturi li jfornuh, inklużi fil-bini, jew kwalunkwe kontroll ieħor li jitqies bħala adattat.

*Artikolu 97h*

1. Verifiki sussegwenti ta' stqarrijiet dwar l-oriġini għandhom jitwettqu b'mod fortuwitu jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkollhom dubji raġonevoli rigward l-awtentiċità tagħhom, l-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq ta' rekwiżiti oħra ta' din is-Sezzjoni.

Meta l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru jitolbu l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju biex iwettqu verifika tal-validità ta' stqarrijiet dwar l-oriġini, l-istatus oriġinanti tal-prodotti, jew tat-tnejn, huma għandhom, meta jkun xieraq, jindikaw fit-talba tagħhom ir-raġunijiet għaliex għandhom dubji raġonevoli dwar il-validità tal-istqarrija dwar l-oriġini jew l-istatus oriġinanti tal-prodotti.

Kopja tal-istqarrija dwar l-oriġini u kwalunkwe informazzjoni jew dokument addizzjonali li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija f'dik l-istqarrija mhijiex korretta jistgħu jintbagħtu b'appoġġ għat-talba għal verifika.

L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jiffissa skadenza inizjali ta' 6 xhur għall-komunikazzjoni tar-riżultati talverifika, li jibdew mid-data tat-talba għall-verifika, bl-eċċezzjoni ta' talbiet mibgħuta lin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija bil-għan li jkunu vverifikati stqarrijiet dwar l-oriġini ta' sostituzzjoni magħmula fit-territorji tagħhom abbażi ta' stqarrija dwar l-oriġini magħmula f'pajjiż benefiċjarju, li għalihom din l-iskadenza għandha tkun estiża għal tmien xhur.

2. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm tweġiba fil-perjodu speċifikat fil-paragrafu 1 jew it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti biex ikun iddeterminat l-oriġini vera tal-prodotti, it-tieni komunikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti. Din il-komunikazzjoni għandha tiffissa skadenza addizzjonali ta' mhux aktar minn 6 xhur.

Subsezzjoni 8

**Dispożizzjonijiet oħra**

*Artikolu 97i*

1. Is-Subsezzjonijiet 5, 6 u 7 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal:

(a) l-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiż benefiċjarju għall-fini ta'akkumulazzjoni bilaterali;

(b) l-esportazzjoni minn pajjiż benefiċjarju għal ieħor għall-fini ta' akkumulazzjoni reġjonali kif previst fl-Artikolu 86(1) u (5).

2. Esportaturi tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru fuq talba tal-esportatur bħala esportatur irreġistrat għall-finijiet tal-iskema meta l-esportatur jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-esportatur ikollu numru EORI f'konformità mal-Artikoli 4k sa 4t;

(b) l-esportatur ikollu status ta' 'esportatur approvat' taħt arranġament preferenzjali;

(c) l-esportatur jipprovdi fit-talba tiegħu indirizzata lill-awtorità doganali tal-Istat Membru d-data li ġejja mfassla fil-forma tal-mudell ippreżentat fl-Anness 13c:

(i) id-dettalji stipulati fil-kaxxi 1 u 4;

(ii) l-impenn stipulat fil-kaxxa 5.

*Artikolu 97j*

1. Is-Subsezzjonijiet 1, 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fid-determinazzjoni ta' jekk il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju meta jkunu esportati lejn Ceuta jew Melilla jew bħala oriġinanti f'Ceuta u Melilla meta jkunu esportati lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta'akkumulazzjoni bilaterali.

2. Is-Subsezzjonijiet 5, 6 u 7 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għallprodotti esportati minn pajjiż benefiċjarju lejn Ceuta jew Melilla u għall-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

3. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tas-Subsezzjonijiet 1, 2, 3, 5, 6 u 7 f'Ceuta u Melilla.

4. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed."

(2) Fil-Parti I, Titolu IV, Kapitolu 2, għandha tiddaħħal is-Sezzjoni 1A li ġejja:

"S e z z j o n i 1 A

**Proċeduri u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva applikabbli sal-applikazzjoni tas-sistema ta' esportaturi rreġistrati**

Subsezzjoni 1

**Prinċipji ġenerali**

*Artikolu 97k*

1. Kull pajjiż benefiċjarju għandu jkun konformi jew jiżgura l-konformità ma':

(a) ir-regoli dwar l-oriġini tal-prodotti li qed ikunu esportati, stabbiliti fis-Sezzjoni 1;

(b) ir-regoli għat-tlestija u l-ħruġ taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A, li kampjun tagħhom huwa stabbilit fl-Anness 17;

(c) id-dispożizzjonijiet għall-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet talfattura, li kampjun tagħhom huwa stabbilit fl-Anness 18;

(d) id-dispożizzjonijiet rigward il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 97s;

(e) id-dispożizzjonijiet rigward l-għoti ta' derogi msemmi fl-Artikolu 89.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni jew l-Istati Membri billi, b'mod partikolari:

(a) jipprovdu l-appoġġ kollu neċessarju fil-każ ta' talba mill-Kummissjoni għal sorveljanza minnha tal-ġestjoni xierqa tal-iskema fil-pajjiż ikkonċernat, inklużi ż-żjarat ta' verifika fuq il-post mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri;

(b) jivverifikaw, bla ħsara għall-Artikoli 97s u 97t, l-istatus oriġinanti tal-prodotti u l-konformità mal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din is-Sezzjoni, inklużi ż-żjarat fuq il-post, meta mitluba mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fl-ambitu tal-investigazzjonijiet tal-oriġini.

3. Meta, f'pajjiż benefiċjarju, tinħatar awtorità kompetenti għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A, jiġu vverifikati provi dokumentarji tal-oriġini, u jinħarġu ċertifikati tal-oriġini Formola A għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea, dak il-pajjiż benefiċjarju għandu jitqies li jkun aċċetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

4. Meta pajjiż jew territorju huwa aċċettat jew aċċettat mill-ġdid bħala pajjiż benefiċjarju fir-rigward ta' prodotti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 732/2008, il-merkanzija oriġinanti f'dak il-pajjiż jew territorju għandha tibbenefika mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi bil-kundizzjoni li kienet esportata mill-pajjiż benefiċjarju jew territorju fid-data, jew wara d-data, imsemmija fl-Artikolu 97s.

5. Prova tal-oriġini għandha tkun valida għal 10 xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni u għandha tkun sottomessa matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni.

Subsezzjoni 2

**Proċeduri fl-esportazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju**

*Artikolu 97l*

1. Iċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A, li kampjun tagħhom huwa stabbilit fl-Anness 17, għandhom jinħarġu wara applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' appoġġ adattat ieħor li jagħti prova li l-prodotti li se jkunu esportati jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-oriġini Formola A.

2. Iċ-ċertifikat għandu jsir disponibbli għall-esportatur malli l-esportazzjoni tkun seħħet jew hija assigurata. Madankollu, ċertifikat tal-oriġini Formola A jista' b'mod eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li magħhom jirrelata, jekk:

(a) ma nħariġx fi żmien l-esportazzjoni minħabba żbalji jew omissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew

(b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet governattivi kompetenti li ċertifikat tal-oriġini Formola A nħareġ imma ma ġiex aċċettat fl-importazzjoni għal raġunijiet tekniċi.

3. L-awtoritajiet governattivi kompetenti jistgħu joħorġu ċertifikat b'mod retrospettiv biss wara li jivverifikaw li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tal-esportatur taqbel ma' dik fil-fajl tal-esportazzjoni korrispondenti u li ma nħariġx ċertifikat tal-oriġini Formola A li jissodisfa ddispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni meta l-prodotti msemmija kienu esportati. Kaxxa 4 taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A maħruġa b'mod retrospettiv irid ikun fiha l-approvazzjoni 'Issued retrospectively' jew '*Délivré à posteriori*'.

4. Fil-każ li ċertifikat tal-oriġini Formola A jinsteraq, jintilef jew jinqered, l-esportatur jista' japplika, għand l-awtoritajiet governattivi kompetenti li ħarġuh, biex issir kopja ddupplikata abbażi tad-dokumenti tal-esportazzjoni fil-pussess tagħhom. Kaxxa 4 ta' Formola A ddupplikata maħruġa b'dan il-mod trid tkun approvata bil-kelma 'Duplicate' jew 'Duplicata', flimkien mad-data tal-ħruġ u n-numru serjali taċ-ċertifikat oriġinali. Il-validità tal-kopja ddupplikata tibda tiddekorri mid-data tal-oriġinal.

5. Għall-finijiet tal-verifika dwar jekk il-prodott li għalih intalab ċertifikat tal-oriġini Formola A jikkonformax mar-regoli tal-oriġini rilevanti, l-awtoritajiet governattivi kompetenti għandhom ikunu intitolati li jitolbu kwalunkwe evidenza dokumentarja jew li jwettqu kwalunkwe kontroll li jqisu li huwa(hija) adattat(a).

6. Il-mili tal-kaxxa 2 taċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A għandha tkun fakultattiva. Il-kaxxa 12 għandha jkollha l-kliem 'Unjoni Ewropea' jew l-isem ta' wieħed mill-Istati Membri. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A għandha tkun indikata fil-kaxxa 11. Il-firma li trid tiddaħħal f'dik il-kaxxa, li hija rriservata għall-awtoritajiet governattivi kompetenti li joħorġu ċ-ċertifikat, kif ukoll il-firma tal-firmatarju awtorizzat tal-esportatur li trid tiddaħħal fil-kaxxa 12, iridu jsiru bl-idejn.

*Artikolu 97m*

1. Id-dikjarazzjoni tal-fattura tista' ssir minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li jkun fih prodotti oriġinanti li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-EUR 6 000, u sakemm il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 97k(2) tapplika għal din il-proċedura.

2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fattura għandu jkun imħejji sabiex jissottometti fi kwalunkwe żmien, fuq talba tad-dwana jew awtoritajiet governattivi kompetenti oħra tal-pajjiż tal-esportazzjoni, id-dokumenti adattati kollha li jagħtu prova tal-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati.

3. Dikjarazzjoni tal-fattura għandha ssir mill-esportatur bil-Franċiż jew bl-Ingliż billi tiġi ttajpjata, stampata jew ipprintjata fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 18. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati. Dikjarazzjonijiet tal-fattura għandhom ikollhom il firma oriġinali tal-esportatur magħmula bl-idejn.

4. L-użu ta' dikjarazzjoni tal-fattura għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni tal-fattura waħda għandha ssir għal kull kunsinna;

(b) jekk il-merkanzija li jkun hemm f'kunsinna tkun diġà ġiet suġġetta għal verifika fil-pajjiż tal-esportazzjoni b'referenza għad-definizzjoni ta' 'prodotti oriġinanti', l-esportatur jista' jirreferi għal dik il-verifika dikjarazzjoni tal-fattura.

5. Meta tapplika akkumulazzjoni taħt l-Artikoli 84, 85 jew 86, l-awtoritajiet governattivi kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju mitluba joħorġu ċertifikat tal-oriġini Formola A għal prodotti li fil-manifattura tagħhom jintużaw materjali oriġinanti f'parti li magħha hija permessa l-akkumulazzjoni għandhom iserrħu fuq dawn li ġejjin:

— fil-każ ta' akkumulazzjoni bilaterali, fuq il-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tal-esportatur u maħruġa b'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-Subsezzjoni 5;

— fil-każ ta' akkumulazzjoni man-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija, fuq il-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tal-esportatur u maħruġa skont ir-regoli tal-oriġini tas-SPĠ tan-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija, skont kif ikun il-każ;

— fil-każ ta' akkumulazzjoni reġjonali, fuq tal-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tal-esportatur, jiġifieri ċertifikat tal-oriġini Formola A, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness 17 jew, skont kif ikun il-każ, dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha jidher fl-Anness 18;

— fil-każ ta' akkumulazzjoni estiża, fuq tal-prova tal-oriġini pprovduta mill-fornitur tal-esportatur u maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles rilevanti bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż ikkonċernat.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' inċiżi tal-ewwel subparagrafu, il-Kaxxa 4 taċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A għandu jkun fiha, skont kif ikun il-każ, l-indikazzjoni 'EU cumulation', 'Norway cumulation', 'Switzerland cumulation', 'Turkey cumulation', 'regional cumulation', 'extended cumulation with country x' jew 'Cumul UE', 'Cumul Norvège', 'Cumul Suisse', 'Cumul Turquie', 'cumul régional', 'cumul étendu avec le pays x'.

Subsezzjoni 3

**Proċeduri fir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-unjoni ewropea**

*Artikolu 97n*

1. Iċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura għandhom ikunu sottomessi lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-importazzjoni f'konformità mal-proċeduri li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni doganali.

2. Provi tal-oriġini li huma sottomessi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni wara l-perjodu tal-validità msemmija fl-Artikolu 97k(5) jistgħu jkunu aċċettati għall-fini ta' applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji, meta n-nuqqas li jkunu sottomessi dawn id-dokumenti sad-data finali ffissata jkun dovut għal ċirkustanzi eċċezzjonali. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini meta l-prodotti kienu ppreżentati lid-dwana qabel id-data finali msemmija.

*Artikolu 97o*

1. Meta, fuq talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni, prodotti żarmati jew mhux immuntati skont it-tifsira tar-Regola ġenerali 2(a) għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u li jaqgħu taħt is-Sezzjoni XVI jew XVII jew l-intestatura 7308 jew 9406 tas-Sistema Armonizzata jiġu importati f'kunsinni diversi, prova tal-oriġini waħdanija għal tali prodotti tista' tkun sottomessa lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel kunsinna.

2. Fuq talba tal-importatur u wara li jkunu kkunsidrati l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni, prova tal-oriġini waħdanija tista' tkun sottomessa lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel kunsinna meta l-merkanzija:

(a) hija importata fil-qafas ta' flussi tal-kummerċ frekwenti u kontinwi ta' valur kummerċjali sinifikanti;

(b) huma s-suġġett tal-istess kuntratt ta' bejgħ, u l-partijiet f'dan il-kuntratt huma stabbiliti fil-pajjiż tal-esportazzjoni jew fl-Istat(i) Membru(i);

(c) huma kklassifikati bl-istess kodiċi (tmien ċifri) tan-Nomenklatura Magħquda;

(d) jiġu eskluživament mill-istess esportatur, huma ddestinati għall-istess importatur, u jiġu magħmula s-suġġett tal-formalitajiet tad-dħul fl-istess uffiċċju doganali tal-istess Stat Membru.

Din il-proċedura għandha tkun applikabbli għal perjodu ddeterminat mill-awtoritajiet doganali kompetenti.

*Artikolu 97p*

1. Meta prodotti oriġinanti jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali ta' Stat Membru waħdani, għandu jkun possibbli li l-prova oriġinali tal-oriġini tkun issostitwita b'ċertifikat tal-oriġini Formola A wieħed jew aktar għall-fini li l-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu x'imkien ieħor fl-Unjoni Ewropea jew, fejn japplika, fin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija.

2. Ċertifikati tal-oriġini Formola A ta' sostituzzjoni għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali li taħt il-kontroll tiegħu jitqiegħdu l-prodotti. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu jsir abbażi ta' talba bil-miktub mir-riesportatur.

3. Il-kaxxa fin-naħa ta' fuq tal-lemin taċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandha tindika l-isem tal-pajjiż intermedjarju fejn jinħareġ. Il-kaxxa 4 għandu jkun fiha l-kliem 'Replacement certificate' jew 'Certificat de remplacement', kif ukoll id-data tal-ħruġ u n-numru serjali taċ-ċertifikat tal-oriġini oriġinali. L-isem tar-riesportatur għandu jingħata fil-kaxxa 1. L-isem tal-kunsinnatur finali jista' jingħata fil-kaxxa 2. Il-partikolaritajiet kollha tal-prodotti rriesportati li jidhru fiċ-ċertifikat oriġinali għandhom ikunu ttrasferiti għall-kaxxi 3 sa 9 u r-referenzi għall-fattura tar-riesportatur għandhom jingħataw fil-kaxxa 10.

4. L-awtoritajiet doganali li ħarġu ċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandhom japprovaw il-kaxxa 11. Ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet għandha tkun limitata għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni. Il-partikolaritajiet fil-kaxxa 12 li jikkonċernaw il-pajjiż tal-oriġini u l-pajjiż tad-destinazzjoni għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat oriġinali. Din il-kaxxa għandha tkun iffirmata mir-riesportatur. Riesportatur li jiffirma din il-kaxxa *in bona fide* m'għandux ikun responsabbli għall-eżattezza tal-partikolaritajiet imdaħħla fiċ-ċertifikat oriġinali.

5. L-uffiċċju doganali li jintalab iwettaq l-operazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jikteb fuq iċ-ċertifikat oriġinali l-piżijiet, in-numri u n-natura tal-prodotti mibgħuta u jindika fuqu n-numri serjali taċ-ċertifikat jew ċertifikati ta' sostituzzjoni korrispondenti. Dan għandu jżomm iċ-ċertifikat oriġinali għal mill-inqas tliet snin. Fotokopja taċ-ċertifikat oriġinali tista' tinħemeż maċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni.

6. Fil-każ ta' prodotti li jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji taħt deroga mogħtija f'konformità mal-Artikolu 89, il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tapplika biss meta tali prodotti jkunu intiżi għall-Unjoni Ewropea. Meta l-prodott ikkonċernat ikun kiseb l-istatus oriġinanti permezz ta' akkumulazzjoni reġjonali, ċertifikat ta' sostituzzjoni jista' jsir biss biex jintbagħtu l-prodotti lejn in-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija meta dawn il-pajjiżi japplikaw l-istess regoli ta' akkumulazzjoni reġjonali bħall-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 97q*

1. Prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu aċċettati bħala prodotti oriġinanti li jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 66 minghajr ir-rekwiżit ta' preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini Formola A jew dikjarazzjoni tal-fattura, sakemm:

(a) tali prodotti:

(i) mhumiex importati bħala kummerċ;

(ii) kienu ddikjarati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jibbenefikaw mill-iskema;

(b) m'hemmx dubju rigward il-veraċità tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a)(ii).

2. L-importazzjonijiet m'għandhomx jitqiesu li huma importazzjonijiet bħala kummerċ jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-importazzjoni tkun okkażjonali;

(b) l-importazzjoni tikkonsisti biss fi prodotti għall-użu personali tad-destinatarji jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom;

(c) ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li m'hemmx fini kummerċjali għalihom.

3. Il-valur totali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 2 m'għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi.

*Artikolu 97r*

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fiċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A jew f'dikjarazzjoni tal-fattura, u dawk magħmula fid-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju doganali għall-fini tat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandhiex *ipso facto* tirrendi ċ-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni null(a) u bla effett jekk huwa stabbilit kif jixraq li dak id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovvji f'ċertifikat tal-oriġini Formola A, f'ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew f'dikjarazzjoni tal-fattura m'għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jitwarrab jekk dawn l-iżbalji mhumiex tali li joħolqu dubji rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dak id-dokument.

Subsezzjoni 4

**Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

*Artikolu 97s*

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet governattivi li hemm fit-territorju tagħhom li huma awtorizzati joħorġu ċertifikati tal-oriġini Formola A, flimkien ma' kampjuni tal-marki tat-timbri użati minn dawk l-awtoritajiet, u l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet governattivi rilevanti li huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A u d-dikjarazzjonijiet tal-fattura.

Il-Kummissjoni se tibgħat din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Meta din l-informazzjoni hija kkomunikata fil-qafas ta' emenda ta' komunikazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni se tindika d-data tal-bidu tal-validità ta' dawk it-timbri ġodda skont l-istruzzjonijiet meħtieġa mill-awtoritajiet governattivi kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji. Din l-informazzjoni hija għal użu uffiċjali; madankollu, meta merkanzija tkun se tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, l-awtoritajiet doganali inkwistjoni jistgħu jippermettu lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu awtorizzat kif jixraq biex jikkonsultaw il-kampjuni tal-marki tat-timbri.

Pajjiżi benefiċjarji li diġà pprovdew l-informazzjoni meħtieġa taħt l-ewwel subparagrafu m'għandhomx ikunu obbligati jipprovduha mill-ġdid, sakemm ma kienx hemm tibdil.

2. Għall-fini tal-Artikolu 97k(4) il-Kummissjoni se tippubblika, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (*Serje 'C'*), id-data li fiha pajjiż jew territorju aċċettat jew aċċettat mill-ġdid bħala pajjiż benefiċjarju fir-rigward ta' prodotti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 issodisfa l-obbligi stipulati fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni se tibgħat lill-pajjiżi benefiċjarji l-kampjuni tal-marki tat-timbri użati mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għall-ħruġ ta'ċertifikati tal-moviment EUR.1 fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji.

*Artikolu 97t*

1. Verifiki sussegwenti taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A u tad-dikjarazzjonijiet tal-fattura għandhom jitwettqu b'mod fortuwitu jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkollhom dubji raġonevoli rigward l-awtenticità ta' tali dokumenti, l-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq ta' rekwiżiti oħra ta' din is-Sezzjoni.

2. Meta jagħmlu talba għal verifika sussegwenti, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A u l-fattura, jekk tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni tal-fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet governattivi kompetenti fil-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni u jagħtu, meta jkun jixraq, ir-raġunijiet għat-talba. Kwalunkwe dokument u informazzjoni miksuba li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fil-prova tal-oriġini mhijiex korretta għandhom jintbagħtu b'appoġġ għat-talba għal verifika.

Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tal-preferenzi tariffarji waqt l-istennija tar-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jkun offrut lill-importatur suġġett għal kwalunkwe miżura kawtelatorja meqjusa bħala meħtieġa.

3. Meta tkun saret talba għal verifika sussegwenti, tali verifika għandha titwettaq u r-riżultati tagħha kkomunikati lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fi żmien mhux iktar minn sitt xhur jew, fil-każ ta' talbiet mibgħuta lin-Norveġja, l-Isvizzera jew it-Turkija bil-għan li jkunu vverifikati provi tal-oriġini ta' sostituzzjoni magħmula fit-territorji tagħhom abbażi ta' ċertifikat tal-oriġini Formola A jew dikjarazzjoni tal-fattura magħmula f'pajjiż benefiċjarju, fi żmien mhux aktar minn tmien xhur mid-data li fiha kienet intbagħtet it-talba. Ir-riżultati għandhom ikunu tali li jistabbilixxu jekk il-prova tal-oriġini inkwistjoni tapplikax għall-prodotti attwalment esportati u jekk dawn il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala prodotti oriġinanti fil-pajjiż benefiċjarju.

4. Fil-każ ta' ċertifikati tal-oriġini Formola A maħruġa wara akkumulazzjoni bilaterali, it-tweġiba għandha tinkludi kopja(i) taċ-ċertifikat(i) tal-moviment EUR 1 jew, fejn ikun meħtieġ, tad-dikjarazzjoni(jiet) tal-fattura korrispondenti.

5. Jekk, f'każijiet ta' dubju raġonevoli, ma jkunx hemm tweġiba fi żmien is-sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 3 jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti biex tkun iddeterminata l-awtenticità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, it-tieni komunikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk wara t-tieni komunikazzjoni r-riżultati tal-verifika ma jkunux ikkomunikati lill-awtoritajiet li jitolbuha fi żmien erba' xhur mid-data li fiha kienet intbagħtet it-tieni komunikazzjoni, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux li tiġi ddeterminata l-awtenticità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet li jitolbuha għandhom, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw l-intitolament għall-preferenzi tariffarji.

6. Meta l-proċedura ta' verifika jew kwalunkwe informazzjoni disponibbli oħra jidher li tindika li r-regoli tal-oriġini qed jinkisru, il-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, iwettaq investigazzjonijiet adattati jew jagħmel arranġamenti biex jitwettqu tali investigazzjonijiet b'urġenza xierqa biex ikun identifikat u jkun evitat tali ksur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, tista' tipparteċipa fl-investigazzjonijiet.

7. Għal finijiet ta' verifika sussegwenti taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A, l-esportaturi għandhom iżommu d-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati u l-awtoritajiet governattivi kompetenti fil-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni għandhom iżommu kopji taċ-ċertifikati, kif ukoll ta' kwalunkwe dokument ta' esportazzjoni li jirreferi għalihom. Dawn id-dokumenti għandhom jinżammu għal minn tal-inqas tliet snin minn tmiem is-sena li fiha nħareġ iċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A.

*Artikolu 97u*

1. L-Artikoli 97s u 97t għandhom japplikaw ukoll bejn il-pajjiżi tal-istess grupp reġjonali għall-finijiet tal-provvista ta' informazzjoni lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u tal-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fattura maħruġa skont ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni reġjonali tal-oriġini.

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 85, 97m u 97p, il-ftehim konklużbejn l-Unjoni Ewropea, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija għandu jinkludi *inter alia* l-impenn li jipprovdu lil xulxin l-appoġġ meħtieġ f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva.

Għall-finijiet tal-Artikoli 86(7) u (8) u 97k il-pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludiet ftehim ta' kummerċ ħieles fis-seħħ u li jkun qabel li jkun involut f'akkumulazzjoni estiża mal-pajjiż benefiċjarju għandu jaqbel ukoll li jipprovdi lil dan tal-aħħar l-appoġġ tiegħu f'materji ta' kooperazzjoni amministrattiva bl-istess mod li jipprovdi tali appoġġ lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim ta' kummerċ ħieles ikkonċernat.

Subsezzjoni 5

**Proċeduri għall-fini ta' akkumulazzjoni bilaterali**

*Artikolu 97v*

1. L-evidenza tal-istatus oriġinanti tal-prodotti tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata permezz ta':

(a) il-produzzjoni ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1, li kampjun tiegħu huwa stabbilit fl-Anness 21; jew

(b) il-produzzjoni ta' dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha huwa stabbilit fl-Anness 18. Dikjarazzjoni tal-fattura tista' ssir minn kwalunkwe esportatur għal kunsinni li jinkludu prodotti oriġinanti li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-EUR 6 000, jew minn esportatur approvat tal-Unjoni Ewropea.

2. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jikteb 'GSP beneficiary countries' u 'EU', jew 'Pays bénéficiaires du SPG' u 'UE', fil-kaxxa 2 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni rigward il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward il-ħruġ tagħhom, għad-dikjarazzjonijiet tal-fattura.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe esportatur, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'esportatur approvat', li jagħmel ġarr frekwenti ta' prodotti oriġinanti fl-Unjoni Ewropea fil-qafas ta' akkumulazzjoni bilaterali, biex jagħmel dikjarazzjonijiet tal-fattura, irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati, meta l-esportatur joffri, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa għall-verifika ta':

(a) l-istatus oriġinanti tal-prodotti, u

(b) it-twettiq ta' rekwiżiti oħra applikabbli f'dak l-Istat Membru.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat suġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li huma jqisu bħala xierqa. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat in-numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.

6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin.

Huma għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull waħda mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 4;

(b) l-esportatur approvat ma jissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5;

(c) l-esportatur approvat jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni.

7. Esportatur approvat m'għandux ikun meħtieġ li jiffirma dikjarazzjonijiet tal-fattura sakemm l-esportatur approvat jagħti lill-awtoritajiet doganali impenn bil-miktub li huwa jaċċetta responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe dikjarazjoni tal-fattura li tidentifika lill-esportatur approvat bħallikieku l-esportatur approvat kien iffirmaha bl-idejn.

Subsezzjoni 6

**Ceuta u melilla**

*Artikolu 97w*

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni rigward il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prodotti esportatati minn pajjiż benefiċjarju lejn Ceuta u Melilla u għall-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' din is-Sezzjoni f'Ceuta u Melilla."

(3) Fil-Parti I, Titolu IV, Kapitolu 2, Sezzjoni 2, għandu jiddaħħal l-Artikolu 97x li ġej qabel is-Subsezzjoni 1:

"*Artikolu 97x*

1. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'manifattura' tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż l-assemblaġġ;

(b) 'materjal' tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ. użat(a) fil-manifattura tal-prodott;

(c) 'prodott' tfisser il-prodott li jkun qed jiġi mmanifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi operazzjoni oħra ta' manifattura;

(d) 'merkanzija' tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

(e) 'valur doganali' tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-Implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);

(f) 'prezz tal-fabbrika' fil-lista fl-Anness 15 tfisser il-prezz imħallas għall-prodott hekk kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika lill-manifattur li fl-impriża tiegħu jitwettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, bit-tnaqqis ta' kull taxxa interna li hija, jew tista' tkun, rimborsata meta l-prodott miksub jiġi esportat.

Meta l-prezz attwali mħallas ma jirriflettix l-ispejjeż kollha relatati mal-manifattura tal-prodott li attwalment isiru fil-pajjiż benefiċjarju, il-prezz tal-fabbrika tfisser it-total ta' dawk l-ispejjeż kollha bit-tnaqqis ta' kwalunkwe taxxa interna li hija, jew tista' tkun, rimborsata meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(g) 'valur tal-materjali' fil-lista fl-Anness 15 tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinanti użati, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jkun jista' jiġi aċċertat imħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-pajjiż benefiċjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 98(1). Meta l-valur tal-materjali oriġinanti użati jeħtieġ li jkun stabbilit, dan is-subparagrafu għandu jkun applikat *mutatis mutandis*;

(h) 'kapitoli', 'intestaturi' u 'subintestaturi' ifissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi (kodiċijiet b'erba' jew sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata;

(i) 'ikklassifikat' tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;

(j) 'kunsinna' tfisser il-prodotti li huma jew:

— mibgħuta simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn destinatarju wieħed; jew

— huma koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' tali dokument, b'fattura waħda.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1(f), meta l-aħħar xogħol jew ipproċessar ikun ġie mogħti b'subappalt lil manifattur, it-terminu 'manifattur' imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1(f) jista' jirreferi għall-impriża li tkun impjegat lis-subappaltatur.".

(4) Fl-Artikolu 99 għandu jiddaħħal il-punt (d)a li ġej:

"(d)a prodotti miksuba minn annimali maqtula li twieldu u trabbew hemm;"

(5) L-Artikolu 101(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew ikunu ffurmati kubi taz-zokkor; tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallin;";

(b) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ikunu tal-istess tip u kemm jekk ma jkunux; taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;";

(c) għandu jiddaħħal il-punt (m)a li ġej:

"(m)a tiżjid sempliċi ta' ilma jew dilwizzjoni jew deidrazzjoni jew denaturazzjoni tal-prodotti;".

(6) Għandu jiddaħħal l-Anness 13a stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(7) Għandu jiddaħħal l-Anness 13b stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(8) Għandu jiddaħħal l-Anness 13c stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(9) Għandu jiddaħħal l-Anness 13d stipulat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(10) Fl-Anness 14, fin-Noti 1 u 3.1 il-kliem "Artikoli 69 u 100" huma sostitwiti bil-kliem "Artikolu 100".

(11) L-Anness 17 huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(12) L-Anness 18 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-impenn skont l-Artikolu 68(3) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat b'dan ir-Regolament, u l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 69 ta' dak ir-Regolament, mill-inqas tliet xhur qabel l-applikazzjoni attwali fit-territorji tagħhom tas-sistema tal-esportatur irreġistrat.

Fl-1 ta' Lulju 2016 u mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni se teżamina l-istat tat-tħejjija tal-pajjiżi benefiċjarji għall-applikazzjoni tas-sistema tal-esportatur irreġistrat. Il-Kummissjoni se tipproponi kwalunkwe aġġustament li jkun meħtieġ.

*Artikolu 3*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

3. Suġġett għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-punt (1), sa fejn jirrelata mal-Artikoli 68 sa 71, 90 sa 97i u 97j(2), il-punt (8) u l-punt (9) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017.

4. Il-pajjiżi benefiċjarji li mhumiex f'pożizzjoni li jimplimentaw is-sistema tal-esportatur irreġistrat fid-data speċifikata fil-paragrafu 3 u li jagħmlu talba bil-miktub lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju 2016 jew li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni pproponiet aġġustamenti skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2, jistgħu jkomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu IV Kapitolu 2 Sezzjoni 1A u l-Annessi 17 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 2454/93, kif emendat b'dan ir-Regolament, sal-1 ta' Jannar 2020.

5. Il-punt (2) tal-Artikolu 1 għandu japplika sad-data speċifikata fil-paragrafu 3 jew, għall-pajjiżi benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4, sad-data speċifikata fil-paragrafu 4.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

*"ANNESS 13a*

(imsemmi fl-Artikolu 76(1))

**NOTI INTRODUTTORJI U LISTA TA' OPERAZZJONIJIET TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR LI JAGĦTU L-ISTATUS ORIĠINANTI**

PARTI I

**NOTI INTRODUTTORJI**

**Nota 1 — Introduzzjoni ġenerali**

1.1 Dan l-Anness jistabbilixxi regoli għall-prodotti kollha, imma l-fatt li prodott huwa inkluż fih ma jfissirx li huwa neċessarjament kopert mill-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (SPĠ). Il-lista ta' prodotti koperta mis-SPĠ, il-firxa tal-preferenzi SPĠ u l-esklużjonijiet applikabbli għal ċerti pajjiżi benefiċjarji huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 (għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011).

1.2 Dan l-Anness jistabbilixxi l-kundizzjonijiet skont l-Artkolu 76 li taħthom il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Hemm erba' tipi differenti ta' regoli, li jvarjaw skont il-prodott:

(a) ma jinqabiżx kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti permezz ta' xogħol jew ipproċessar;

(b) permezz ta' xogħol jew ipproċessar, l-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata tal-prodotti mmanufatturati ssir differenti mill-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata rispettivament tal-materjali użati;

(c) titwettaq operazzjoni speċifika ta' xogħol jew ipproċessar;

(d) jitwettaq xogħol jew ipproċessar fuq ċerti materjali kompletament idderivati.

**Nota 2 — L-istruttura tal-lista**

2.1. Il-kolonni 1 u 2 jiddeskrivu l-prodott miksub. Il-kolonna 1 tagħti n-numru tal-kapitolu, in-numru tal-intestatura b'4 ċifri jew tas-subintestatura b'6 ċifri użat fis-Sistema Armonizzata, kif jixraq. Il-kolonna 2 tagħti d-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew kapitolu. Għal kull iskrizzjoni fil-kolonni 1 u 2, suġġetta għan-Nota 2.4, regola waħda jew aktar ('operazzjonijiet kwalifikanti') huma stipulati fil-kolonna 3. Dawn l-operazzjonijiet kwalifikanti jikkonċernaw il-materjali mhux oriġinanti biss. Meta, f'xi każijiet, l-iskrizzjoni fil-kolonna 1 hija ppreċeduta b"ex', dan ifisser li r-regola fil-kolonna 3 tapplika biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi intestaturi jew subintestaturi tas-Sistema Armonizzata huma miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata n-numru ta' kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għaldaqstant tingħata f'termini ġenerali, ir-regola ta' maġenbhom fil-kolonna 3 tapplika għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati f'titoli tal-kapitolu jew fi kwalunkwe intestatura jew subintestatura miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regola li tinsab maġenbha fil-kolonna 3.

2.4 Meta żewġ regoli alternattivi huma stipulati fil-kolonna 3, separati bil-kelma 'jew', l-esportatur jista' jagħżel liema waħda juża.

2.5 Fil-maġġoranza tal-każijiet, ir-regola(i) stipulata(i) fil-kolonna 3 għandha tapplika (għandhom japplikaw) għall-pajjiżi benefiċjarji kollha (jiġifieri dawk li jibbenefikaw mill-'Arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati' (PIŻ) tas-SPĠ (magħruf ukoll bħala Kollox Minbarra Armi jew EBA), kif ukoll dawk li jibbenefikaw mill-arranġament ġenerali tas-SPĠ jew l-Arranġament tal-inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, magħruf ukoll bħala 'SPĠ Plus'. Madankollu, għal xi prodotti għandha tapplika regola inqas stretta għal prodotti oriġinanti fl-PIŻ. F'dawn il-każijiet, il-kolonna 3 hija maqsuma f'żewġ subkolonni, (a) u (b), bis-subkolonna (a) turi r-regola applikabbli għal-PIŻ u s-subkolonna (b) turi r-regola applikabbli għall-pajjiżi benefiċjarji l-oħra kollha.

Il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati huma elenkati fir-Regolament (KE) Nru 732/2008.

**Nota 3 — Eżempji ta' kif għandhom ikunu applikati r-regoli**

3.1. L-Artikolu 76(2), li jikkonċerna prodotti li kisbu l-istatus oriġinanti li huma użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandu japplika, kemm meta dan l-istatus ikun inkiseb ġol-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti kif ukoll jekk ikun inkiseb f'fabbrika oħra fil-pajjiż benefiċjarju jew fl-Unjoni Ewropea.

3.2. Skont l-Artikolu 78, ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq irid imur lil hinn mil-lista tal-operazzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu. Jekk ma jagħmilx hekk, il-merkanzija m'għandhiex tikkwalifika għall-għoti tal-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali, anki jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista ta' hawn taħt ikunu sodisfatti.

Suġġett għad-dispożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-regoli fil-lista jirrappreżentaw l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar jagħti l-istatus oriġinanti wkoll; bil-maqlub, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti l-istatus oriġinanti. Għaldaqstant, jekk regola tipprovdi li materjali mhux oriġinanti jistgħu jintużaw f'ċertu livell ta' manifattura, l-użu ta' tali materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permess, u l-użu ta' tali materjali fi stadju aktar tard mhuwiex.

3.3. Bla ħsara għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni 'Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura', dan ifisser li materjali ta' kwalunkwe intestatura(i) (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott) jistgħu jintużaw, suġġetti, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjoni li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni 'Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra ta' intestatura …' jew 'Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra tal-istess intestatura bħall-prodott' tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura(i), għajr dawk tal-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif jidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jkun immanifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun immanifatturat minn materjal partikolari, ir-regola ma timpedixxix l-użu wkoll ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni.

**Nota 4 — Dispożizzjonijiet ġenerali rigward ċerti prodotti agrikoli**

4.1. Prodotti agrikoli li jinsabu fil-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 2401 li huma mkabbra jew maħsuda fit-territorju ta' pajjiż benefiċjarju għandhom ikunu ttrattati bħala oriġinanti fit-territorju ta' dak il-pajjiż, anki jekk imkabbra minn żerriegħa, basal, iz-zokk, żraġen, tilqim, rimjiet, rimi jew partijiet oħra ħajjin ta' pjanti importati minn pajjiż ieħor.

4.2. F'każijiet fejn il-kontenut ta' zokkor mhux oriġinanti fi prodott partikolari huwa suġġett għal limitazzjonijiet, il-piż taz-zokkor tal-intestaturi 1701 (sukrożju) u 1702 (pereżempju fruttożju, glukożju, lattożju, maltożju, iżoglukożju jew zokkor maqsum (invert)) użat fil-manifattura tal-prodott finali u użat fil-manifattura ta' prodotti mhux oriġinanti inkorporati fil-prodott finali jitqies għall-kalkolu ta' tali limitazzjonijiet.

**Note 5 — Terminoloġija użata rigward ċerti prodotti tessili**

5.1. It-terminu 'fibri naturali' huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew magħmula mill-bniedem. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel iseħħ l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li kienu imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor, imma mhux magħżula.

5.2. It-terminu 'fibri naturali' jinkludi l-krin tal-intestatura 0503, l-għażel tal-intestaturi 5002 u 5003, kif ukoll fibri tassuf u xagħar tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3. It-termini 'polpa tat-tessut', 'materjali kimiċi' u 'materjali li minnhom issir il-karta' huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' fibri jew ħjut artifiċjali, magħmula mill-bniedem jew tal-karta.

5.4. It-terminu 'fibri bażiċi magħmula mill-bniedem' huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

**Nota 6 — Tolleranzi li japplikaw għal prodotti magħmulin minn taħlita ta' materjali tessili**

6.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx ikunu applikati għal kwalunkwe materjal tessili bażiku użat fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 6.3 u 6.4)

6.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 6.1 tista' tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

— l-għażel;

— is-suf;

— ix-xagħar oħxon tal-annimali;

— ix-xagħar fin tal-annimali;

— il-krin;

— il-qoton;

— il-materjali li minnhom issir il-karta u l-karta;

— il-kittien;

— qanneb veru;

— il-ġuta jew fibri tessili oħra tat-tilju;

— is-sisal u fibri tessili oħra tal-familja Agave;

— il-ġewż tal-indi, l-abaka, ir-ramie u fibri tessili oħra veġetali;

— filamenti magħmula mill-bniedem magħmula mill-bniedem;

— filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem;

— filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polypropylene magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polyester magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polyamide magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polyacrylonitrile magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polyimide magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polytetrafluoroethylene magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-poly(phenylene sulphide) magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-poly(vinyl chloride) magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem oħra magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-visk magħmula mill-bniedem;

— il-fibri prinċipali artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;

— ħjut magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polyether, sew jekk mibruma u anki jekk le;

— ħjut magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polyester, sew jekk mibruma u anki jekk le;

— prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisgħa ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi irqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita;

— prodotti oħra tal-intestatura 5605;

— il-fibri tal-ħġieġ;

— il-fibri metalliċi.

*Eżempju:*

Ħajt, tal-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri magħmula mill-bniedem bażiċi tal-intestatura 5506, huwa ħajt imħallat. Għaldaqstant, fibri magħmula mill-bniedem bażiċi mhux oriġinanti li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

*Eżempju:*

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku minn fibri bażiċi tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għaldaqstant, ħjut mibruma magħmula mill-bniedem li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini, jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini, jew kombinazzjoni tat-tnejn, jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx ta' aktar minn 10 % tal-piż totali tad-drapp.

*Eżempju:*

Drapp minsuġ bil-pil, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton innifsu jkun drapp imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton użati jkunu taħlita huma stess.

*Eżempju:*

Kieku d-drapp minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati jkunu żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp minsuġ bil-pil ikun, għaldaqstant, prodott imħallat.

6.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw 'ħjut magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polyether, sew jekk mibruma u anki jekk le', it-tolleranza hija ta' 20 % fir-rigward ta' dawn il-ħjut.

6.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw 'strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisgħa ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita', it-tolleranza hija ta' 30 % fir-rigward ta' din l-istrixxa.

**Nota 7 — Tolleranzi oħra li japplikaw għal ċerti prodotti tessili oħra**

7.1. Meta, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, materjali tessili li ma jissodisfawx ir-regola stipulata fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott maħdum ikkonċernat, jistgħu jintużaw, sakemm huma kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott.

7.2. Bla ħsara għan-Nota 7.3, materjali, li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-manifattura ta' prodotti tessili, kemm jekk ikun fihom it-tessuti u kemm jekk le.

*Eżempju:*

Jekk regola fil-lista tipprovdi li, għal oġġett tessili partikolari (bħall-qliezet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jżommx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma l-buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jżommx l-użu taż-żippijiet, għalkemm iż-żippijiet normalment ikun fihom it-tessuti.

7.3. Meta tapplika regola dwar il-perċentwali, il-valur tal-materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinanti inkorporati.

**Nota 8 — Definizzjoni ta' proċessi speċifiċi u operazzjonijiet sempliċi mwettqa fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-Kapitolu 27**

8.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, il-'proċessi speċifiċi' huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa [1];

(c) kreking;

(d) formazzjoni mill-ġdid;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku kkonċentrat, anidridu tal-oleum jew tal-kubrit; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; id-dekolorizzazzjoni u l-purifikazzjoni bit-tafal attiv b'mod naturali, it-tafal attivat, il-faħam attivat jew il-bauxite;

[1] Ara n-Nota spjegattiva addizzjonali 4(b) għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

(g) il-polimerizzazzjoni;

(h) l-alkilazzjoni;

(i) l-isomerizzazzjoni.

8.2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-'proċessi speċifiċi' huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa [1];

(c) kreking;

(d) formazzjoni mill-ġdid;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku kkonċentrat, anidridu tal-oleum jew tal-kubrit; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; id-dekolorizzazzjoni u l-purifikazzjoni bit-tafal attiv b'mod naturali, it-tafal attivat, il-faħam attivat jew il-bauxite;

(g) il-polimerizzazzjoni;

(h) l-alkilazzjoni;

(ij) l-isomerizzazzjoni;

(k) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, l-eliminazzjoni talkubrit bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut tal-kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolju bi proċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;

(m) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, it-trattament blidroġenu, bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u b'temperatura ta' aktar minn 250 ° C, bl-użu ta' katalizzatur, għajr milli għat-tneħħija tal-kubrit, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (pereżempju t-tlestija bl-ilma jew id-dekolorizzazzjoni) sabiex, b'mod aktar speċjali, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, m'għandux madankollu jitqies bħala proċess speċifiku;

(n) fir-rigward ta' żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, id-distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'temperatura ta' 300 ° C, permezz tal-metodu ASTM D 86;

(o) fir-rigward ta' żjut tqal għajr iż-żjut tal-gass u n-nafta tal-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta' brush-discharge elettrika ta' frekwenza għolja;

(p) fir-rigward ta' prodotti mhux irraffinati (minbarra l-ġeli tal-petroljum, l-ożoċerit, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, xama' bajda li fiha mill-piż anqas minn 0.75 % ta' żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija taż-żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

8.3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħat-tindif, it-tferriegħ, it-tneħħija tal-imluħa, is-separazzjoni tal-ilma, it-tisfija, l-għoti tal-kulur, l-immarkar, il-ksib ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-oriġini.

[1] Ara n-Nota spjegattiva addizzjonali 4(b) għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

PARTI II

## LISTA TA' PRODOTTI U OPERAZZJONIJIET TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR LI JAGĦTU L-ISTATUS ORIĠINANTI

| Intestatura tas-Sistema Armonizzata | Deskrizzjoni tal-prodott | Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti) |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Kapitolu 1 | Annimali ħajjin | L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 huma miksuba totalment |
| Kapitolu 2 | Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel | Manifattura fejn il-laħam u l-ġewwieni tal-laħam li jittiekel kollha fil-prodotti ta' dan il-Kapitolu huma miksuba totalment |
| ex Kapitolu 3 | Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, minbarra: | Il-ħut u l-krustaċji, il-molluski u l-invertebrati akkwatiċi oħrajn kollha huma miksuba totalment |
| 0304 | Fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut (kemm jekk ikkapuljati u kemm jekk le), friski, imkessħa jew iffriżati | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 huma miksuba totalment |
| 0305 | Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumigat, kemm jekk imsajjar qabel jew matul il-proċess tal-affumigar; dqiq, pasta u pritkuni tal-ħut, tajbin għall-konsum tal-bniedem | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 huma miksuba totalment |
| ex 0306 | Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfa, immelħa jew fis-salmura; krustaċji, fil-qoxra, imsajra bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, kemm jekk imkessħa, iffriżati imnixxfa, immelħa jew fis-salmura u kemm jekk le; dqiq, pasta u pritkuni ta' krustaċji, tajbin għall-konsum tal-bniedem | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 huma miksuba totalment |
| ex 0307 | Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfa, immelħa jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi oħrajn minbarra krustaċji u molluski, imnixxfa, immelħa jew fis-salmura; dqiq, pasta u pritkuni ta' invertebrati akwatiċi għajr krustaċji, tajbin għall-konsum tal-bniedem | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 huma miksuba totalment |
| Kapitolu 4 | Prodotti tal-ħalib u l-bajd; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti ġejjin mill-annimali tajbin għall-ikel, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; | Manifattura fejn:<br>— il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 4 huma miksuba totalment; u<br>— il-piż taz-zokkor [1] użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali |
| ex Kapitolu 5 | Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, minbarra: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |
| ex 0511 91 | Bajd u sperma tal-ħut li ma jittiklux | Il-bajd u l-isperma kollha huma miksuba totalment |
| Kapitolu 6 | Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 6 huma miksuba totalment |
| Kapitolu 7 | Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 7 huma miksuba totalment |
| Kapitolu 8 | Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ | Manifattura fejn:<br>— il-frott, ġewż, qxur tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ kollha tal-Kapitolu 8 huma miksuba totalment, u<br>— il-piż taz-zokkor [1] ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali |
| Kapitolu 9 | Kafè, tè, matè u ħwawar; | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| Kapitolu 10 | Ċereali | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 10 huma miksuba totalment |
| ex Kapitolu 11 | Prodotti tal-industrija tat-ħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; minbarra: | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 10 u 11, intestaturi 0701 u 2303, u subintestatura 0710 10 huma miksuba totalment |
| ex 1106 | Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi nixfin u mingħajr qoxra tal-intestatura 0713 | Tnixxif u ħin ta' ħxejjex leguminużi tal-intestatura 0708 |
| Kapitolu 12 | Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott |
| Kapitolu 13 | Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż taz-zokkor [1] ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali |
| Kapitolu 14 | Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |
| ex Kapitolu 15 | Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-likel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex; minbarra: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott |
| 1501 sa 1504 | Xaħmijiet minn ħnieżer, tjur, frat, nagħaġ jew mogħoż, ħut, eċċ | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief dik tal-prodott |
| 1505, 1506 u 1520 | Xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin idderivati minnhom (inkluża l-lanolina). Xaħmijiet u żjut oħrajn tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk irfinati jew le, iżda mhux immodifikati kimikament. Gliċerol, ilmijiet tal-gliċerol u soluzzjonijiet alkalini tal-gliċerol. | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |
| 1509 u 1510 | Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu | Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha huma miksuba totalment |
